European Asylum Support Office

# Gwida Prattika tal-EASO: Kwalifika għal protezzjoni internazzjonali

*Serje ta' Gwidi Prattiċi tal-EASO*

2018

SUPPORT IS OUR MISSION

La l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil ma huma responsabbli mill-użu li jista' jsir mit-tagħrif li ġej.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2019

© L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil, 2019
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.
Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Print ISBN 978-92-9476-143-9 doi:10.2847/464204 BZ-02-18-902-MT-C
PDF ISBN 978-92-9476-129-3 doi:10.2847/681924 BZ-02-18-902-MT-N

European Asylum Support Office

# Gwida Prattika tal-EASO: Kwalifika għal protezzjoni internazzjonali

*Serje ta' Gwidi Prattiċi tal-EASO*

2018

SUPPORT IS OUR MISSION

# Kontenut


Taqsiriet ..... 5

Introduzzjoni għall-Gwida Prattika dwar Kwalifika għal Protezzjoni Internazzjonali ..... 5

**LISTI TA' KONTROLL** ..... 7

**GWIDA** ..... 10

Prinċipji ġenerali ..... 11
- Qafas legali: Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra u d-Direttiva dwar il-Kwalifika ..... 11
- Ċirkostanzi individwali ..... 12
- Proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet ..... 12

"Barra mill-pajjiż ta' oriġini": kamp ta' applikazzjoni personali u territorjali ..... 13
- Ċittadini ta' pajjiż terz ..... 13
- Persuna apolida ..... 13
- L-importanza li jiġi ddeterminat il-pajjiż ta' oriġini ..... 14
- Barra mill-pajjiż ta' oriġini ..... 15

Status ta' refuġjat: Biża' ġustifikata ta' persekuzzjoni ..... 16
- Persekuzzjoni ..... 16
  - 1. L-att jikser id-drittijiet tal-bniedem b'mod gravi biżżejjed, u jieħu waħda minn dawn il-forom? ..... 17
  - 2. L-att huwa ksur ta' dritt tal-bniedem nonderogabbli jew ksur gravi biżżejjed ta' dritt tal-bniedem bażiku ieħor? ..... 19
  - 3. It-trattament jista' jitqies bħala l-akkumulazzjoni ta' diversi miżuri, li l-konsegwenzi tagħha tista' taffettwa lill-applikant b'mod simili? ..... 20
- Biża' ġustifikata ..... 20

Status ta' refuġjat: Raġunijiet għall-persekuzzjoni ..... 22
- Razza ..... 22
- Reliġjon ..... 22
- Nazzjonalità ..... 23
- Sħubija fi grupp soċjali partikolari ..... 23
- Karatteristika komuni ..... 23
  - Perċezzjoni ta' identità distinta ..... 24
- Opinjoni politika ..... 25
- Rabta/(għal raġunijiet ta') ..... 25

Protezzjoni sussidjarja ..... 27
  - Riskju reali ..... 27
  - Dannu serju ..... 27
- Piena kapitali jew eżekuzzjoni ..... 27
- Tortura jew trattament jew kastig inuman jew degradanti ..... 28
  - Tortura ..... 28
  - Trattament jew kastig inuman jew degradanti ..... 29
- Theddida serja u individwali għall-ħajja jew għall-persuna ċivili minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern ..... 30
  - Konflitt armat internazzjonali jew intern ..... 30
  - Persuna ċivili ..... 31
  - Vjolenza indiskriminata ..... 31
  - Theddida serja u individwali ..... 32
  - Il-ħajja jew il-persuna ..... 33
  - Rabta (bir-raġuni ta') ..... 33

Bżonnijiet ta’ protezzjoni internazzjonali li jinħolqu sur place ... 34
Atturi ta’ persekuzzjoni jew dannu serju ... 35
Protezzjoni fil-pajjiż ta’ oriġini ... 36
Atturi ta’ protezzjoni ... 36
Kwalità tal-protezzjoni ... 37
Effettività ... 38
Natura mhux temporanja ... 38
Aċċessibbiltà ... 38
Alternattiva għall-protezzjoni interna ... 39
Sikurezza f’parti mill-pajjiż ta’ oriġini ... 39
Aċċess għal parti mill-pajjiż ta’ oriġini ... 40
Ir-raġonevolezza għall-applikant biex jistabbilixxi ruħu f’parti mill-pajjiż ta’ oriġini ... 40
Nuqqas ta’ rieda sabiex tintuża l-protezzjoni tal-pajjiż ta’ oriġini ... 41
**DIJAGRAMMI** ... 42
**REFERENZI** ... 50
Links utli ... 51
Riżorsi oħrajn ... 51
Referenzi legali u l-każistika rilevanti ... 51
Prinċipji ġenerali ... 51
Il-kamp ta’ applikazzjoni personali u territorjali ... 52
L-istatus ta’ refuġjat: biża’ ġustifikata mill-persekuzzjoni ... 52
Raġunijiet għal persekuzzjoni: razza ... 53
Raġunijiet għal persekuzzjoni: reliġjon ... 54
Raġunijiet għal persekuzzjoni: nazzjonalià ... 54
Raġunijiet għal persekuzzjoni: sħubija fi grupp soċjali partikolari ... 54
Raġunijiet għal persekuzzjoni: opinjoni pubblika ... 55
Rabta (għal raġunijiet ta’) ... 55
Protezzjoni sussidjarja: riskju reali ta’ dannu serju ... 55
Protezzjoni sussidjarja: piena kapitali jew eżekuzzjoni ... 56
Protezzjoni sussidjarja: tortura jew trattament jew kastig inuman jew degradanti ... 56
Protezzjoni sussidjarja: theddida serja u individwali għall-ħajja jew għall-persuna ċivili minħabba vjolenza indiskriminata f’sitwazzjonijiet ta’ konflitt armat internazzjonali jew intern ... 57
Bżonnijiet ta’ protezzjoni internazzjonali li jinħolqu sur place ... 57
Atturi ta’ persekuzzjoni jew dannu serju ... 57
L-atturi tal-protezzjoni u l-kwalità tal-protezzjoni ... 58
Alternattiva għall-protezzjoni interna ... 58

# Taqsiriet

- ✓ **APD** — Id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali
- ✓ **QtĠ-UE** — Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
- ✓ **KEDB** — Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem
- ✓ **QEDB** — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem
- ✓ **KĠ —** Il-Konvenzjoni ta’ Ġinevra tal-1951 u l-Protokoll tal-1967 li jirrelata mal-istatus tar-refuġjati
- ✓ **QIĠ** — Il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja
- ✓ **QD** — Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta’ ċittadini nazzjonali ta’ pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija

# Introduzzjoni għall-Gwida Prattika dwar Kwalifika għal Protezzjoni Internazzjonali

***Għaliex inħolqot din il-gwida prattika?*** Il-“Gwida Prattika tal-EASO: Kwalifika għal protezzjoni internazzjonali” hija maħsuba bħala għodda prattika li takkumpanja lill-uffiċjali responsabbli mill-każ madwar l-Unjoni Ewropea u lil hinn minnha fil-ħidma tagħhom ta’ kuljum.

L-għan tal-Gwida Prattika huwa li tgħin fl-eżami ta’ kull applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fuq individwalment b’mod oġġettiv u imparzjali, u bl-applikazzjoni tal-istess kriterji legali u standards komuni meta jkun qed jiġi ddeterminat min jikkwalifika għal protezzjoni internazzjonali.

Il-punt tat-tluq ta’ din il-Gwida huma d-dispożizzjonijiet legali tal-Konvenzjoni ta’ Ġinevra tal-1951 u d-Direttiva dwar il-Kwalifika (Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta’ ċittadini nazzjonali ta’ pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija). Il-gwida tmur pass lil hinn minn dan billi tissimplifika dawk ir-rekwiżiti legali fi gwida għall-prattikanti.

***X’inhu l-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din il-gwida prattika?*** Din il-gwida tiffoka fuq min jikkwalifika għal protezzjoni internazzjonali, u tirreferi kemm għall-istatus ta’ refuġjat kif ukoll għall-protezzjoni sussidjarja. Il-terminu “kwalifika” huwa preferut għal fini ta’ konsistenza mat-terminoloġija użata fid-Direttiva dwar il-Kwalifika (QD). Dan huwa meqjus bħala ekwivalenti għal termini bħal “eleġibbiltà” u “inklużjoni”, użati fi prodotti rilevanti oħrajn tal-EASO.

Il-Gwida ġiet żviluppata fil-kuntest tan-negozjati li għaddejjin dwar ir-Regolament propost dwar il-Kwalifika. Madankollu, il-kontenut tagħha huwa bbażat fuq id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva attwali dwar il-Kwalifika, u jirreferi għalihom. Fi kwalunkwe punt, l-utent jenħtieġ li jaqraha b’rabta mad-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-istrument legali rispettiv fis-seħħ, u jkun infurmat mill-istess dispożizzjonijiet.

Il-gwida tagħti ħarsa lejn ir-rekwiżiti legali għall-kwalifika għal protezzjoni internazzjonali u ma tikkunsidrax kwistjonijiet ta’ analiżi u valutazzjoni fattwali. Għal gwida dwar dawk il-kwistjonijiet, l-utent jenħtieġ li jara l-“Gwida Prattika tal-EASO: Intervista personali” u b’mod partikolari l-“Gwida Prattika tal-EASO: Valutazzjoni tal-evidenza”.

Barra minn hekk, il-kwistjoni tal-esklużjoni ta’ dawk li jinstabu li ma jistħoqqilhomx protezzjoni internazzjonali ma taqax taħt il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din il-Gwida Prattika. Il-gwida f’dan ir-rigward tista’ tinstab fil-“Gwida Prattika tal-EASO: Esklużjoni”. Barra minn hekk, lanqas l-esklużjoni u l-protezzjoni tal-istatus ta’ refuġjat skont

l-Artikolu 1D tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra u l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika mhuma indirizzati fid-dettall fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-gwida.

***Min jenħtieġ li juża din il-gwida prattika?*** Din il-gwida hija maħsuba primarjament għall-uffiċjali responsabbli mill-każ, l-intervistaturi u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-awtoritajiet determinanti nazzjonali. Barra minn hekk, il-gwida tista' tintuża bħala għodda utli minn min ifassal il-politika, mill-uffiċjali għall-kwalità u l-konsulenti legali u kull min huwa interessat fis-suġġett tal-kwalifika għal protezzjoni internazzjonali fil-kuntest tal-UE.

Il-gwida prattika għandha l-għan li tindirizza l-bżonnijiet tal-uffiċjali responsabbli mill-każ b'diversi livelli ta' esperjenza: minn uffiċjali responsabbli mill-każ ġodda sa dawk bi snin ta' esperjenza. Is-saffi u l-kontenut tagħha jistgħu jintużaw b'mod differenti, skont il-bżonnijiet tal-utent.

***Kif tista' tintuża din il-gwida prattika?*** Il-gwida prattika hija strutturata f'erba' saffi, li jistgħu jintużaw indipendentement, jew b'mod interkonness.




Minbarra li tipprovdi gwida strutturata, din il-gwida prattika tista' titqies bħala għodda għall-awtoevalwazzjoni. Tista' tintuża wkoll bħala għodda ta' superviżjoni tal-kwalità u/jew ta' taħriġ.

***Kif ġiet żviluppata din il-gwida prattika?*** Il-gwida nħolqot mill-esperti mill-Istati tal-UE+ u bl-input siewi tal-Kummissjoni Ewropea u l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR). L-iżvilupp ġie ffaċilitat u kkoordinat mill-EASO. Qabel il-finalizzazzjoni tagħha, saret konsultazzjoni dwar il-gwida mal-Istati kollha tal-UE+.

***Din il-Gwida Prattika kif inhi relatata mal-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali?*** Din hija għodda ta' konverġenza nonvinkolanti, li tirrifletti l-istandards komuni u tinkorpora spazju ddedikat għal differenzi nazzjonali fil-leġiżlazzjoni, fil-gwida u fil-prattika.

> Kull awtorità nazzjonali tista' tinkludi partijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni u l-gwida fil-gwida prattika fl-ispazji indikati, sabiex tipprovdi lill-uffiċjali responsabbli mill-każ tagħha bi gwida unika dwar il-kwalifika għal protezzjoni internazzjonali.

***Din il-gwida prattika kif inhi relatata ma' għodod oħra ta' appoġġ tal-EASO?*** Il-missjoni tal-EASO hija li jappoġġja lill-Istati Membri permezz, fost l-oħrajn, ta' taħriġ komuni, kwalità komuni u informazzjoni komuni dwar il-pajjiż ta' oriġini. Bħall-għodod ta' appoġġ kollha tal-EASO, il-"Gwida Prattika tal-EASO: Kwalifika għal protezzjoni internazzjonali" hija bbażata fuq l-istandards tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA). Din hija mibnija fl-istess qafas u jenħtieġ li titqies bħala komplementari għall-għodod disponibbli l-oħrajn tal-EASO. Il-konsistenza tagħha ma' dawk l-għodod kienet kunsiderazzjoni primarja, speċjalment fir-rigward tal-moduli tal-Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO relatati mill-qrib dwar l-Inklużjoni u l-Inklużjoni Avvanzata. Il-Kwalifika għall-Protezzjoni Internazzjonali (id-Direttiva 2011/95/UE) — Analiżi Ġudizzjarja (imfassla minn IARLJ-Europe skont kuntratt mal-EASO) kienet ukoll sors siewi fl-iżvilupp ta' din l-għodda.

**Din hija gwida prattika żviluppata fil-proċess tal-Matriċi tal-Kwalità tal-EASO u jenħtieġ li tintuża b'mod konġunt ma' għodod prattiċi disponibbli oħrajn: https://www.easo.europa.eu/practical-tools**

# LISTI TA' KONTROLL

- *Tfakkira prattika għal dawk li diġà huma familjari mas-suġġett tal-kwalifika għal protezzjoni internazzjonali.*
- *Uża l-iperlinks sabiex tikseb gwida addizzjonali dwar suġġett partikolari.*

## Prinċipji ġenerali

- ☐ Applika d-dispożizzjonijiet legali għall-fatti materjali aċċettati u r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju.
- ☐ Ftakar li l-kwalifika għall-istatus ta' refuġjat jenħtieġ li dejjem tiġi eżaminata l-ewwel.
- ☐ Ftakar li l-ħtiġijiet ta' protezzjoni jistgħu jinħolqu wkoll *sur place*.
- ☐ Eżamina kull każ individwalment b'mod oġġettiv u imparzjali.

## "Barra mill-pajjiż ta' oriġini": kamp ta' applikazzjoni personali u territorjali

- ☐ Iddetermina l-pajjiż taċ-ċittadinanza jew il-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel tal-applikant.

## Status ta' refuġjat: Biża' ġustifikata ta' persekuzzjoni

### Persekuzzjoni

Ivvaluta jekk trattament partikolari huwiex ekwivalenti għall-persekuzzjoni billi tikkunsidra:

- ☐ L-att huwa ksur gravi biżżejjed tad-drittijiet tal-bniedem, li jieħu waħda mill-forom li, fost l-oħrajn, huma previsti fl-Artikolu 9(2) tal-QD?
- ☐ L-att huwa ksur ta' dritt tal-bniedem nonderogabbli jew ksur gravi biżżejjed ta' dritt tal-bniedem bażiku ieħor?
- ☐ It-trattament jista' jitqies bħala l-akkumulazzjoni ta' diversi miżuri, li l-konsegwenzi tagħha tista' taffettwa lill-applikant b'mod simili?

### Biża' ġustifikata

- ☐ Ivvaluta jekk l-applikant għandux biża' ġustifikata:
  - Ikkunsidra l-fatti materjali kollha li jkunu ġew aċċettati u stabbilixxi jekk kienx hemm persekuzzjoni fil-passat jew theddida tagħha.
  - Jekk applikabbli skont il-prattika nazzjonali, ikkunsidra jekk il-persekuzzjoni fil-passat kinitx ta' natura tant attroċi li, għalkemm mhijiex ser terġa' tiġi ripetuta, id-dannu kkawżat minnha huwa meqjus li huwa kontinwu.
  - Analizza jekk il-livell limitu tal-"(biża') ġustifikata" ikunx intlaħaq (livell raġonevoli ta' probabbiltà).

## Status ta' refuġjat: Raġunijiet għall-persekuzzjoni

**Eżamina jekk il-persekuzzjoni li jkun qed jibża' minnha l-applikant hijiex marbuta ma' waħda minn dawn ir-raġunijiet (reali jew imputata):**

| | |
|---|---|
| ☐ Razza | ▪ kulur tal-ġilda<br>▪ dixxendenza<br>▪ sħubija fi grupp etniku partikolari |
| ☐ Reliġjon | ▪ twemmin teistiku, nonteistiku u ateistiku<br>▪ parteċipazzjoni jew astensjoni mit-talb formali fil-privat jew fil-pubbliku, solitarju jew fil-komunità ma' oħrajn<br>▪ parteċipazzjoni jew astensjoni minn atti reliġjużi jew espressjonijiet ta' opinjoni oħrajn<br>▪ parteċipazzjoni jew astensjoni minn forom ta' mġiba personali jew komunali bbażata fuq jew awtorizzata minn kwalunkwe twemmin reliġjuż |
| ☐ Ċittadinanza | ▪ ċittadinanza jew in-nuqqas tagħha<br>▪ identità kulturali<br>▪ identità etnika<br>▪ identità lingwistika<br>▪ oriġini ġeografika jew politika komuni<br>▪ relazzjoni mal-popolazzjoni ta' Stat ieħor |

## Status ta’ refuġjat: Raġunijiet għall-persekuzzjoni

| | |
|---|---|
| ☐ Sħubija fi grupp soċjali partikolari | ▪ il-qsim ta’ karatteristika komuni jew il-perċezzjoni li l-persuna taqsam karatteristika komuni, u<br>▪ identità distinta jew il-perċezzjoni li l-persuna għandha identità distinta |
| ☐ Opinjoni politika | ▪ it-tħaddin ta’ opinjoni, ħsieb jew twemmin dwar suġġett marbut mal-atturi potenzjali ta’ persekuzzjoni u l-politiki jew il-metodi tagħhom, irrispettivament minn jekk l-applikant ikunx esprima dik l-opinjoni, il-ħsieb jew it-twemmin |

☐ Ikkonferma li hemm rabta bejn il-karatteristika (reali jew imputata) u l-persekuzzjoni li minnha jkun hemm biża’.

## Protezzjoni Sussidjarja

**Riskju reali**

- Ikkunsidra l-fatti materjali kollha li jkunu ġew aċċettati u stabbilixxi jekk kienx hemm dannu fil-passat jew theddida tagħha.
- Jekk applikabbli skont il-prattika nazzjonali, ikkunsidra jekk id-dannu fil-passat kienx ta’ natura tant attroċi li, għalkemm mhuwiex ser jerġa’ jiġi ripetut, id-dannu kkawżat minnu huwa meqjus li huwa kontinwu.
- Analizza jekk il-livell limitu tar-“riskju reali” ikunx intlaħaq (livell raġonevoli ta’ probabbiltà).

**Dannu Serju**

Ivvaluta jekk hemmx riskju reali ta’:

☐ piena kapitali jew eżekuzzjoni

☐ tortura jew trattament inuman jew degradanti jew kastig ta’ applikant fil-pajjiż ta’ oriġini

☐ theddida serja u individwali għall-ħajja jew għall-persuna ċivili minħabba vjolenza indiskriminata f’sitwazzjonijiet ta’ konflitt armat internazzjonali jew intern

## Atturi ta’ persekuzzjoni jew dannu serju

☐ Iddetermina l-attur tal-persekuzzjoni jew id-dannu serju.

## Protezzjoni fil-pajjiż ta’ oriġini

**Atturi ta’ protezzjoni**

☐ Ikkunsidra min jista’ jkun attur potenzjali ta’ protezzjoni:
- L-Istat
- Partijiet jew organizzazzjonijiet, inklużi organizzazzjonijiet internazzjonali, li jikkontrollaw l-Istat jew parti sostanzjali mit-territorju tal-Istat

Stabbilixxi jekk l-attur huwiex:
- **kapaċi** jipprovdi protezzjoni li tkun:
  - ☐ effettiva
  - ☐ mhux temporanja
  - ☐ aċċessibbli
- **lest** li jipprovdi t-tali protezzjoni lill-applikant

**Alternattiva għall-Protezzjoni Interna**

☐ Ikkunsidra jekk hemmx parti speċifika mill-pajjiż ta’ oriġini fejn l-applikant ma jkollux biża’ ġustifikata li jiġi ppersegwitat u ma jkunx f’riskju reali li jsofri dannu serju jew ikollu aċċess għal protezzjoni mill-persekuzzjoni u d-dannu serju.
- Analizza jekk din il-parti tal-pajjiż:
  - ☐ hijiex sikura
  - ☐ aċċessibbli
  - ☐ hijiex raġonevoli għall-applikant sabiex jibda jirrisjedi hawnhekk

# GWIDA

- *Gwida qasira u viżiva fir-rigward tal-elementi differenti fl-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.*
- *Użа l-ispazji fejn tista' tikteb sabiex iżżid referenzi għal-leġiżlazzjoni, il-gwida u l-prattika nazzjonali.*

# Prinċipji ġenerali [lura għal-lista ta' kontroll]

## Qafas legali: Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra u d-Direttiva dwar il-Kwalifika

Jenħtieġ li jiġi enfasizzat li l-protezzjoni internazzjonali tiġi kkunsidrata biss fejn ma tingħatax protezzjoni mill-pajjiż ta' oriġini; hija għaldaqstant sostituzzjoni għall-protezzjoni nazzjonali.

Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 dwar l-Istatus ta' Refuġjat u l-Protokoll tagħha tal-1967 huma l-istrumenti legali prinċipali fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-istatus ta' refuġjat u l-prinċipju tan-non-refoulment. Sussegwentement, u permezz tal-adozzjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalifika (QD), forma ġdida ta' protezzjoni, il-protezzjoni sussidjarja, ġiet introdotta fl-UE. Id-QD tistipula l-kriterji legali għall-kwalifika għal protezzjoni sussidjarja u tkompli tiżviluppa l-kriterji għall-għoti ta' status ta' refuġjat. Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-QD jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-applikazzjoni sħiħa u inklużiva tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

L-istatus ta' refuġjat u l-protezzjoni sussidjarja skont il-QD:

**"refuġjat" tfisser:**

ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li, minħabba biża' bi prova ċara ta' persekuzzjoni għal raġunijiet ta' razza, reliġjon, nazzjonalità, opinjoni politika jew sħubija fi grupp soċjali partikolari, jinsab barra mill-pajjiż tan-nazzjonalità tiegħu jew mill-pajjiż mir-residenza abitwali ta' qabel u ma jistax jew, minħabba din il-biża', mhuwiex lest jagħmel użu mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż jew, minħabba li jkun barra mill-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel tiegħu, ma jixtieqx imur lura fih, u li għalih l-Artikolu 12 [esklużjoni] ma japplikax.

- *L-Artikolu 2(d) tal-QD*

**"persuna eliġibbli għall-protezzjoni sussidjarja" tfisser:**

ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li ma tikkwalifikax bħala refuġjat imma fir-rigward tagħha intwerew raġunijiet sostanzjali sabiex jitwemmen li l-persuna interessata, jekk tirritorna lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħha, jew fil-każ ta' persuna mingħajr stat, lejn il-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel tagħha, tiffaċċja riskju veru li ssofri dannu serju kif definit fl-Artikolu 15 [piena kapitali jew eżekuzzjoni; tortura, trattament inuman jew degradanti jew kastig, theddida serja u individwali għall-ħajja jew għall-persuna ċivili minħabba vjolenza indiskriminatorja f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern], u li għaliha l-Artikolu 17(1) u (2) [esklużjoni] ma japplikax, u ma tistax, jew, minħabba f'dan ir-riskju, ma tixtieqx tapprofitta ruħha mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż.

- *L-Artikolu 2(f) tal-QD*

***Il-kwalifika għal status ta' refuġjat jenħtieġ li dejjem tkun eżaminata l-ewwel.*** **[lura għal-lista ta' kontroll]**

Status ta' refuġjat → Biss fil-każ li l-applikant ma jikkwalifikax għall-istatus ta' refuġjat, jekk l-eżami jkompli jikkunsidra l-eliġibbiltà għall-protezzjoni sussidjarja. → Protezzjoni sussidjarja

## Ċirkostanzi individwali [lura għal-lista ta' kontroll]

| Id-Direttiva dwar il-Kwalifika |
| --- |
| L-Artikolu 4 |

L-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li dejjem jiġu eżaminati u d-deċiżjonijiet jenħtieġ li jittieħdu individwalment b'mod oġġettiv u imparzjali.

L-analiżi ta' każ b'każ jenħtieġ li tqis l-elementi prinċipali li ġejjin:

- il-fatti rilevanti kollha kif inhuma relatati mal-pajjiż ta' oriġin fil-mument tat-teħid ta' deċiżjoni dwar l-applikazzjoni;
- l-atti u t-theddidiet li għalihom l-applikant kien espost jew jista' jkun espost;
- is-sitwazzjoni individwali tal-applikant, inklużi fatturi bħalma huma l-ambjent minn fejn ikun ġej, il-ġeneru u l-età;
- id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-protezzjoni fil-pajjiż ta' oriġini.

Il-bżonnijiet ta' protezzjoni l-ewwel jiġu vvalutati fir-rigward taż-żona ta' bażi tal-applikant fil-pajjiż ta' oriġini. Iż-żona ta' bażi tal-applikant fil-pajjiż ta' oriġini tiġi identifikata abbażi ta' kemm ikunu b'saħħithom ir-rabtiet tal-applikant ma' żona partikolari f'dak il-pajjiż. Iż-żona ta' bażi tal-applikant tista' tkun iż-żona fejn ikun twieled jew trabba jew żona differenti fejn l-applikant ikun stabbilixxa ruħu u għex, u għaldaqstant ikollu rabta mill-qrib magħha.

## Proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet [lura għal-lista ta' kontroll]

Il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet jista' jitqies bħala proċess b'żewġ passi: il-valutazzjoni tal-evidenza (jiġu stabbiliti l-fatti) u l-valutazzjoni legali (tiġi applikata l-liġi). Wara li jiġu stabbiliti ċ-ċirkostanzi fattwali (ara l-Gwida Prattika tal-EASO: Il-valutazzjoni tal-evidenza), l-uffiċjal responsabbli mill-każ għandu jivvaluta jekk il-kundizzjonijiet sostantivi stipulati fil-QD għall-għoti tal-protezzjoni internazzjonali jkunux ġew issodisfati. Din il-gwida prattika tiffoka fuq it-tieni pass:




L-istadji ta' teħid ta' deċiżjonijiet, skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*M.M.* (Kawża C-277/11)

**L-ewwel pass** jenħtieġ li jirriżulta f'fehim ċar dwar liema fatti materjali huma aċċettati (valutazzjoni tal-kredibbiltà); u abbażi tagħhom — x'inhu l-livell ta' probabbiltà li l-applikant ikun soġġett għal trattament li huwa ekwivalenti għal persekuzzjoni jew dannu serju (valutazzjoni tar-riskju).

**Fit-tieni pass**, l-uffiċjal responsabbli mill-każ jenħtieġ li jikkunsidra l-fatti materjali aċċettati, kif ukoll ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju u japplika d-dispożizzjonijiet legali rispettivi kif inhu spjegat f'din il-gwida.

# "Barra mill-pajjiż ta' oriġini": kamp ta' applikazzjoni personali u territorjali [lura għal-lista ta' kontroll]

| | |
|---|---|
| Kamp ta' applikazzjoni personali | • Skont id-definizzjonijiet tat-termini "refuġjat" u "persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja", il-kamp ta' applikazzjoni personali tal-QD huwa limitat għal **ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat.** |
| Kamp ta' applikazzjoni territorjali | • "Pajjiż ta' oriġini" jirreferi għall-pajjiż jew pajjiżi ta' nazzjonalità jew, għal persuni mingħajr stat, għall-pajjiż tar-residenza abitwali ta' qabel. Il-persuna għandha tkun **barra mill-pajjiż ta' oriġini.** |

## Ċittadini ta' pajjiż terz

Ir-referenza għal "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser li ċittadini tal-Istati Membri tal-UE ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni personali tal-QD.

Jenħtieġ li jkun ċar li kulħadd għandu d-dritt li japplika għal protezzjoni internazzjonali. Madankollu, skont il-Protokoll (Nru 24) dwar l-asil għaċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, parti mill-verżjoni kkonsolidata tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, "*Meta wieħed iqis l-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet fundamentali mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri għandhom jitqiesu bħala li jikkostitwixxu reċiprokament pajjiżi ta' oriġini ta' sigurtà għall-finijiet legali u prattiċi kollha f'dak li għandu x'jaqsam ma' materji ta' asil.*"

### *Kunsiderazzjonijiet speċifiċi:*

**L-eżami tal-applikazzjonijiet minn ċittadini tal-Istati Membri tal-UE:** Għalkemm huwa rari li fil-prattika jiġri dan, il-Protokoll jistipula li kull applikazzjoni mressqa miċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE tista' "*tiġi kkunsidrata jew dikjarata ammissibli għal proċessar minn Stat Membru ieħor*" f'xi ċirkostanzi speċifiċi. Ara t-test sħiħ **hawnhekk**.

**Persuni apolidi li qabel kellhom ir-residenza abitwali tagħhom fi Stat Membru ieħor tal-UE:** Jenħtieġ li jiġi nnutat li persuni apolidi (li qabel kienu) bir-residenza abitwali tagħhom fi Stat Membru tal-UE mhumiex inklużi b'mod speċifiku fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll 24.

## Persuna apolida

Il-Konvenzjoni dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi tiddefinixxi "*persuna apolida*" bħala "*persuna li mhija kkunsidrata ċittadin tal-ebda Stat skont l-operat tal-liġi tiegħu*". Il-prinċipji li jirregolaw id-determinazzjoni tal-apolidija għandhom jittieħdu mil-liġi internazzjonali.

Il-protezzjoni mogħtija lil persuni apolidi skont il-QD hija l-istess bħall-protezzjoni mogħtija lil ċittadini ta' pajjiżi terzi.

### *Kunsiderazzjonijiet speċifiċi:*

**L-Artikolu 1D tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra u l-Artikolu 12(1) tal-QD,** marbuta mal-protezzjoni jew l-għajnuna minn korpi jew aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti, minbarra mill-UNHCR jistgħu jkunu rilevanti sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni.

Meta din il-protezzjoni jew għajnuna tkun twaqqfet għal xi raġuni, mingħajr ma l-pożizzjoni ta' persuni bħal dawn tkun ġiet determinata b'mod definittiv f'konformità mar-riżoluzzjonijiet rilevanti adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, dawn il-persuni għandhom *ipso facto* jkunu intitolati għall-benefiċċji tal-QD.

F'ċerti oqfsa legali nazzjonali, l-individwi jistgħu jirċievu wkoll protezzjoni esklussivament abbażi tal-fatt tal-apolidija tagħhom.

| **Il-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali** |
|---|
| *Daħħal referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti u/jew gwida dwar il-persuni apolidi.* |

## L-importanza li jiġi ddeterminat il-pajjiż ta' oriġini [lura għal-lista ta' kontroll]

Id-determinazzjoni tal-pajjiż taċ-ċittadinanza jew il-pajjiż fejn l-applikant qabel kellu r-residenza abitwali tiegħu għandha importanza deċiżiva.

Filwaqt li f'ħafna mill-każijiet il-pajjiż ta' oriġini tal-applikant ma joħloqx kwistjonijiet, jeżistu każijiet fejn dan ikun fil-qalba tal-eżami. F'dan ir-rigward, l-uffiċjali responsabbli mill-każ jistgħu jikkunsidraw dawn l-elementi li ġejjin:

### Il-pajjiż tan-nazzjonalità

- Kull Stat jiddetermina liema huma ċ-ċittadini nazzjonali li jaqgħu taħt il-liġi tiegħu.
- L-istabbiliment tan-nazzjonalità mhuwiex, madankollu, sempliċi kwistjoni ta' referenza għal-leġiżlazzjoni tan-nazzjonalità tal-pajjiż ta' oriġini rilevanti.
- Għandha tiġi kkonsultata l-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini, kemm dwar il-leġiżlazzjoni kif ukoll dwar il-prattika.

### Il-pajjiż ta' residenza abitwali

- Meta jiġi stabbilit li l-applikant għall-protezzjoni internazzjonali jkun mingħajr stat, għandu jiġi determinat il-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel.
- 'Residenza abitwali' timplika li l-persuna kienet residenti, legalment jew le, f'dak il-pajjiż.
- Il-valutazzjoni għandha tqis it-tul tas-soġġorn f'dak il-pajjiż, kemm dan kien reċenti, kif ukoll il-konnessjoni tal-persuna mal-pajjiż.
- Persuna mingħajr stat jista' jkollha aktar minn pajjiż wieħed ta' residenza abitwali ta' qabel.

### *Kunsiderazzjonijiet speċifiċi:*

**Ċittadinanza doppja jew multipla:** Fil-każ ta' ċittadinanza doppja jew multipla, għandu jiġi vvalutat jekk l-applikant ikunx jista' jiġi protett minn wieħed mill-pajjiżi taċ-ċittadinanza tiegħu. Jekk il-protezzjoni tkun disponibbli għall-applikant f'wieħed mill-pajjiżi taċ-ċittadinanza tiegħu, huwa jinstab li ma jkollux bżonn ta' protezzjoni internazzjonali.

**Ċittadini b'residenza f'pajjiż differenti:** Possibbiltà oħra hija li l-applikant ikollu ċittadinanza ta' pajjiż partikolari iżda jkun għex f'pajjiż differenti għal perjodu twil ta' żmien. F'każijiet bħal dawn, l-uffiċjal responsabbli mill-każ jenħtieġ li jivvaluta jekk l-applikant jikkwalifikax bħala refuġjat jew ikollux bżonn protezzjoni sussidjarja fir-rigward tal-pajjiż taċ-ċittadinanza tiegħu.

Il-fatt li l-applikant ikun għex xi mkien ieħor, madankollu, jista' jkun rilevanti jekk l-applikabbiltà tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur tiġi kkunsidrata.

**Ir-rinunzja taċ-ċittadinanza:** F'każ li l-applikant jiddikjara li huwa jkun irrinunzja ċ-ċittadinanza tiegħu, l-uffiċjal responsabbli mill-każ jenħtieġ li jivvaluta liema regoli japplikaw fir-rigward tar-rinunzja taċ-ċittadinanza fil-pajjiż partikolari u jekk l-azzjonijiet tal-applikant setgħux irriżultaw fit-telfien proprju taċ-ċittadinanza. Fil-każ tal-aħħar, u jekk l-applikant ma jkollu l-ebda ċittadinanza oħra, l-applikant jenħtieġ li jiġi kkunsidrat bħala persuna apolida.

## Barra mill-pajjiż ta' oriġini

"*Barra mill-pajjiż ta' oriġini*" huwa kriterju purament fiżiku ta' nuqqas ta' preżenza.

Id-Direttiva 2013/32/UE dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil, APD) tispeċifika wkoll li d-dispożizzjonijiet tagħha japplikaw għal applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali sottomessi fit-territorju, inklużi fil-konfini, fl-ilmijiet territorjali jew fiż-żoni ta' tranżitu tal-Istati Membri.

Dan ifisser li persuna li tapplika għal protezzjoni f'ambaxxata barranija filwaqt li tkun għadha fil-pajjiż ta' oriġini tagħha, pereżempju, ma tkunx koperta mill-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-QD u l-APD.

# Status ta’ refuġjat: Biża’ ġustifikata ta’ persekuzzjoni [lura għal-lista ta’ kontroll]

## Persekuzzjoni

| Il-Konvenzjoni ta’ Ġinevra | Id-Direttiva dwar il-Kwalifika | Il-leġiżlazzjoni nazzjonali |
|---|---|---|
| L-Artikolu 1A(2) | L-Artikolu 9<br>L-Artikolu 4(4) | *Daħħal id-dispożizzjoni.* |

Il-“persekuzzjoni” mhijiex definita fil-Konvenzjoni ta’ Ġinevra. L-idea hija flessibbli, adattabbli u wiesgħa biżżejjed sabiex tirrifletti l-forom dejjem jinbidlu ta’ persekuzzjoni.

Sabiex titqies bħala persekuzzjoni skont it-tifsira tal-QD, att irid ikun:

a. **Suffiċjentement serja** minħabba n-natura jew ir-repetizzjoni tagħha li tikkostitwixxi **ksur gravi tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem**, b’mod partikolari d-drittijiet li minnhom ma tistax issir deroga skont l-Artikolu 15(2) tal-KEDB

jew

b. **Akkumulazzjoni ta’ diversi miżuri**, inkluż ksur tad-drittijiet tal-bniedem, li jkun suffiċjentement gravi li jaffettwa lill-individwu **b’mod simili** ta’ kif imsemmi fl-ewwel punt

Għaldaqstant, mhux kull trattament ħażin jikkostitwixxi persekuzzjoni. L-elementi li jenħtieġ li jitqiesu sabiex jiġi vvalutat jekk il-livell ta’ persekuzzjoni jkunx intlaħaq huma:




L-uffiċjali responsabbli mill-każ jistgħu jsegwu approċċ prattiku bi tliet passi sabiex jivvalutaw jekk trattament partikolari jistax jitqies bħala persekuzzjoni:




Dawn il-passi huma żviluppat aktar hawn taħt. Dawn għandhom l-għan li jipprovdu għajnuna prattika lill-uffiċjal responsabbli mill-każ. Sabiex jiġi stabbilit li t-trattament jikkostitwixxi persekuzzjoni, il-livell limitu tas-severità skont l-Artikolu 9(1) tal-QD jenħtieġ li dejjem jintlaħaq.

## 1. L-att jikser id-drittijiet tal-bniedem b'mod gravi biżżejjed, u jieħu waħda minn dawn il-forom? [lura għal-lista ta' kontroll]

L-Artikolu 9(2) tal-QD isemmi b'mod speċifiku ċerti forom li, fost l-oħrajn, jistgħu jikkwalifikaw bħala persekuzzjoni fejn il-livell limitu meħtieġ tal-Artikolu 9(1)(a) jew (b) tal-QD jintlaħaq:

**a. Atti ta' vjolenza fiżika jew mentali, inklużi atti ta' vjolenza sesswali:** Atti ta' vjolenza fiżika jew mentali jikkwalifikaw bħala persekuzzjoni meta jkunu tant intensi li jħallu impatt sostanzjali fuq l-integrità fiżika ta' individwu jew il-kapaċità mentali tiegħu li jieħu deċiżjoni indipendenti.

**b. Il-miżuri legali, amministrattivi, tal-pulizija u/jew ġudizzjarji li huma fihom infushom diskriminatorji jew li huma implimentati b'mod diskriminatorju.**

**c. Prosekuzzjoni jew kastig li jkunu sproporzjonati jew diskriminatorji:**

### *Kunsiderazzjonijiet speċifiċi:*

**Il-prosekuzzjoni tista' tikkwalifika bħala persekuzzjoni?**

Peress li l-protezzjoni internazzjonali mhijiex maħsuba biex tgħin lil persuni jaħarbu l-ġustizzja fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, il-prosekuzzjoni jew il-kastig għal reat normalment ma jfissrux li persuna tikkwalifika bħala refuġjat.

Madankollu, il-prosekuzzjoni tista' tikkwalifika bħala persekuzzjoni u twassal sabiex persuna tiġi kwalifikata bħala refuġjat jekk waħda jew aktar minn dawn il-kriterji japplikaw u l-konsegwenzi jilħqu l-livell limitu tas-severità:

- Titwettaq bi ksur tal-proċess dovut tal-liġi.
- Tkun diskriminatorja. Eżempju ċar ikun il-prosekuzzjoni għal raġunijiet ta' razza, reliġjon, ċittadinanza, sħubija f'xi grupp soċjali partikolari jew opinjoni politika.

- Il-kastig jiġi implimentat fuq bażi diskriminatorja.
- Il-kastig ikun sproporzjonat.
- Il-kastig jista' jitqies bħala persekuzzjoni.

Jenħtieġ li jiġi nnutat ukoll li minbarra l-biża' mill-prosekuzzjoni, l-applikant jista' jkollu biża' ġustifikata mill-persekuzzjoni għal raġunijiet oħrajn. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għall-kunsiderazzjoni ta' esklużjoni potenzjali.

**d. Iċ-ċaħda ta' rimedju ġudizzjarju li tirriżulta f'kastig sproporzjonat jew diskriminatorju;**

**e. Il-prosekuzzjoni jew il-kastig għar-rifjut li wieħed iwettaq servizz militari f'konflitt, fejn it-twettiq ta' servizz militari jkun jinkludi reati jew atti li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-raġunijiet għal esklużjoni.**

### *Kunsiderazzjonijiet speċifiċi:*

**Jista' kastig għar-rifjut li wieħed iwettaq servizz militari jitqies bħala persekuzzjoni?**

Hemm żewġ sitwazzjonijiet fejn kastig għar-rifjut li wieħed iwettaq dmirijiet militari jista' jitqies bħala persekuzzjoni.




L-ewwel xenarju huwa inkluż b'mod speċifiku bħala forma ta' persekuzzjoni fl-Artikolu 9(2) tal-QD.

Dan jinkludi sitwazzjonijiet li fihom l-applikant ikun ipparteċipa biss b'mod indirett fil-kummissjoni ta' delitti tal-gwerra, pereżempju permezz ta' appoġġ ta' effett sostanzjali fit-tħejjija jew l-eżekuzzjoni ta' dawk id-delitti. Barra minn hekk, dan ma jinkludix esklussivament sitwazzjonijiet li fihom jiġi stabbilit li d-delitti tal-gwerra jkunu twettqu diġà, iżda anki fejn ikun hemm livell suffiċjenti ta' probabbiltà li jirriżulta f'riskju reali li wieħed jiġi involut fil-kummissjoni ta' delitti bħal dawn.

Il-valutazzjoni jenħtieġ li tqis ukoll jekk kienx hemm alternattiva disponibbli għar-rifjut li wieħed iwettaq servizz militari li permezz tiegħu l-applikant seta' jevita li jipparteċipa fl-allegati delitti tal-gwerra.

Gwida addizzjonali dwar l-abbandun militari tingħata f'din it-taqsima "Raġunijiet għall-persekuzzjoni" (opinjoni politika).

**f. Atti ta' natura speċifika għall-ġeneru jew għat-tfal.**

Atti ta' natura speċifika għall-ġeneru jistgħu jinkludu, pereżempju, il-vjolenza sesswali, il-mutilazzjoni ġenitali, l-abort sfurzat, l-isterilizzazzjoni sfurzata, eċċ. Atti bħal dawn jistgħu jitwettqu għal għadd ta' raġunijiet, inkluż b'rabta mar-razza, ir-reliġjon, iċ-ċittadinanza u l-opinjoni politika. Dawn jistgħu jkunu bbażati wkoll fuq il-ġeneru u minħabba raġunijiet ta' sħubija fi grupp soċjali partikolari (ara l-kunsiderazzjonijiet speċifiċi fit-taqsima "Raġunijiet għall-persekuzzjoni" (sħubija fi grupp soċjali partikolari) hawn taħt).

L-atti ta' natura speċifika għat-tfal jistgħu jinkludu, pereżempju, reklutaġġ fil-forzi armati meta wieħed ikun għadu taħt l-età, it-traffikar tat-tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal eċċ. Dawn jistgħu jinvolvu l-ksur ta' drittijiet speċifiċi tat-tfal, bħal dawk stipulati fil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-protokolls fakultattivi tagħha.

Jekk l-att ma jaqax taħt wieħed jew aktar mill-kriterji ta' hawn fuq, l-uffiċjal responsabbli mill-każ xorta jenħtieġ li jipproċedi sabiex jikkunsidrah skont it-tieni pass.

## 2. L-att huwa ksur ta' dritt tal-bniedem nonderogabbli jew ksur gravi biżżejjed ta' dritt tal-bniedem bażiku ieħor? [lura għal-lista ta' kontroll]

### a. Liema drittijiet?

"**Drittijiet tal-bniedem nonderogabbli**" jirreferu għad-drittijiet li huma assoluti u li ma jistgħu jkunu soġġetti għall-ebda deroga, anki fi żminijiet ta' gwerra jew emerġenza. L-Artikolu 15(2) tal-KEDB jipprovdi lista ta' drittijiet li ma jistgħu jiġu sospiżi fl-ebda ċirkostanza:

**Dritt għall-ħajja** (ħlief fir-rigward ta' mwiet li jirriżultaw minn atti legali ta' gwerra)

**Projbizzjoni tat-tortura u kastig jew trattament inuman jew degredanti**

**Projbizzjoni tal-iskjavitù u tas-servitù**

**Prinċipju tal-legalità fil-liġi kriminali** (ebda delitt ma jista' jitqies imwettaq, u ebda piena ma tista' titqies imposta mingħajr liġi penali pre-eżistenti)

"Drittijiet tal-bniedem bażiċi" oħrajn jistgħu jinsiltu mill-instrumenti rilevanti tad-drittijiet tal-bniedem, bħal:

- Id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem.
- Il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (PIDĊP): Jista' jiġu nnutat li l-PIDĊP jelenka wkoll ċerti drittijiet bħala nonderogabbli. Minbarra d-drittijiet stipulati fl-Artikolu 15(2) tal-KEDB, dawn jinkludu:
  - il-projbizzjoni tal-priġunerija minħabba l-inabbiltà li jiġi ssodisfat obbligu kuntrattwali;
  - ir-rikonoxximent bħala persuna quddiem il-liġi kullimkien;
  - il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u r-reliġjon: Il-libertà li tipprattika r-reliġjon jew it-twemmin tiegħek tista' tkun soġġetta biss għal tali limitazzjonijiet kif inhuma preskritti bil-liġi u li huma neċessarji sabiex jipproteġu s-sigurtà, l-ordni, is-saħħa jew il-morali tal-pubbliku jew id-drittijiet fundamentali u l-libertajiet tal-oħrajn.
- Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali.
- Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa.
- Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal.
- Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

Jekk id-drittijiet tal-bniedem elenkati f'dawn l-istrumenti jistgħux jitqiesu bħala "bażiċi" tkun kwistjoni ta' analiżi ta' jekk dawn humiex drittijiet ta' importanza fundamentali u għalhekk għandhom inerentement jitgawdew minn kull individwu.

### b. X'livell ta' severità?

Sabiex jiġi vvalutat jekk il-ksur tad-drittijiet bażiċi huwiex gravi biżżejjed, l-uffiċjal responsabbli mill-każ jenħtieġ li jivestiga jekk u sa liema punt it-trattament ħażin jaffettwa l-possibbiltà li wieħed igawdi d-dritt rispettiv.

Jekk l-att ma jaqax taħt dawn ta' hawn fuq, l-uffiċjal responsabbli mill-każ jenħtieġ li jimxi għat-tielet pass.

# 3. It-trattament jista' jitqies bħala l-akkumulazzjoni ta' diversi miżuri, li l-konsegwenzi tagħha tista' taffettwa lill-applikant b'mod simili? [lura għal-lista ta' kontroll]

It-trattament jista' jitqies ukoll bħala persekuzzjoni jekk jikkostitwixxi akkumulazzjoni ta' diversi miżuri, li jekk jitqiesu flimkien, u xi drabi flimkien ma' ċirkostanzi personali ħżiena oħrajn u/jew filwaqt li jitqies il-kuntest ġenerali, jaffettwaw lill-individwu b'mod simili għall-ksur tad-drittijiet bażiċi tiegħu.

Mod "simili" ma jfissirx "l-istess" mod u livell limitu aktar baxx ta' severità jista' jkun biżżejjed. Il-valutazzjoni jenħtieġ li ssir fuq bażi ta' każ b'każ u filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali tal-applikant.

Dawk id-diversi miżuri jistgħu, pereżempju, jiksru d-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali tal-applikant, bħad-dritt għall-edukazzjoni, għas-saħħa, għax-xogħol, għas-sigurtà soċjali, għall-parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali, eċċ.

## Biża' ġustifikata [lura għal-lista ta' kontroll]

Fi ħdan il-qafas tal-asil, l-idea ta' "biża' ġustifikata" tista' titqies bħala waħda li tinkludi żewġ aspetti, ħafna drabi msejħa l-elementi "suġġettivi" u "oġġettivi". Il-valutazzjoni tiffoka fuq jekk il-biża' hijiex "ġustifikata" jew le (jiġifieri fuq l-element oġġettiv).

**"Biża"**

Il-biża' tista' tiġi definita bħala emozzjoni skonvolġenti li tirriżulta minn dannu imminenti, sew jekk it-theddida tkun waħda reali jew waħda immaġinata.

Għaldaqstant, l-aspett suġġettiv huwa relatat mal-biża' li tinħass mill-applikant.

Jenħtieġ li jiġi enfasizzat li r-reazzjonijiet psikoloġiċi jvarjaw fost l-individwi, inkluż meta s-sitwazzjoni affaċċjata tkun l-istess. L-esperjenza tal-biża' hija marbuta b'mod intrinsiku ma' fatturi bħall-personalità, l-età, l-isfond soċjokulturali, u l-esperjenzi preċedenti tal-applikant. L-uffiċjali responsabbli mill-każijiet jenħtieġ li jqisu s-sitwazzjoni personali tal-applikant, kif ukoll l-espressjoni ta' biża' li toħroġ mid-dikjarazzjonijiet tiegħu.

Billi l-biża' li jirritorna lejn pajjiżu tista' tkun ir-riżultat ta' ħafna kawżi differenti, mhuwiex neċessarju li kollha kemm huma jkunu marbuta mal-persekuzzjoni skont it-tifsira tal-QD. Barra minn hekk, mhuwiex neċessarju li jiġi stabbilit li l-biża' ta' persekuzzjoni hija motiv predominanti għall-applikant, sakemm din il-biża' tkun tista' tiġi identifikata.

### *Kunsiderazzjonijiet speċifiċi:*

**Meta l-applikant ma jesprimix il-biża':** F'ċerti każijiet, l-applikant jista' jkun li ma jgħidx b'mod espliċitu li qed jesperjenza biża'. F'każijiet oħrajn, jistgħu jgħidu wkoll li mhumiex qed jesperjenzaw biża'. Madankollu, in-nuqqas ta' biża' jista' jiġi kkunsidrat bħala irrelevanti meta ċ-ċirkostanzi jiġġustifikaw b'mod oġġettiv li kwalunkwe persuna f'ċirkostanzi bħal dawn tkun qed taffaċċja riskju.

**"Ġustifikat"**

Biża' suġġettiva ta' applikant jenħtieġ li tiġi sostanzjata b'mod oġġettiv sabiex titqies bħala "ġustifikata".

Peress li l-element ta' "ġustifikazzjoni" tad-definizzjoni ta' refuġjat jittratta l-livell ta' probabbiltà li l-applikant jiffaċċja persekuzzjoni, hija prinċipalment kwistjoni ta' valutazzjoni tar-riskju (Ara l-Gwida Prattika tal-EASO: Valutazzjoni tal-Evidenza). F'din il-valutazzjoni, l-uffiċjal responsabbli mill-każ jenħtieġ li jikkunsidra s-sitwazzjoni individwali tal-applikant fid-dawl tal-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż ta' oriġini (eż. is-sitwazzjoni politika, reliġjuża, soċjali jew tas-sigurtà). Informazzjoni dwar il-persekuzzjoni ta' membri tal-familja jew persuni f'sitwazzjoni simili għal dik tal-applikant tista' tkun importanti f'dan ir-rigward.

Sabiex tiġi vvalutata l-"ġustifikazzjoni" bħala rekwiżit legali:

- ✓ L-ewwel nett, jenħtieġ li jiġi nnutat li l-valutazzjoni tiffoka fuq jekk biża' bħal din hijiex ġustifikata **fiż-żmien meta tittieħed id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali,** jiġifieri l-biża' ġustifikata tal-applikant għandha tkun attwali. Iċ-ċirkostanzi li jġiegħlu lil persuna taħrab jistgħu jinbidlu jew ma jibqgħux jeżistu tul iż-żmien, jew inkella jibdew jeżistu wara li l-persuna tkun ħarbet (ara t-taqsima ta' hawn taħt dwar "Il-bżonnijiet ta' protezzjoni internazzjonali li jinħolqu *sur place*").

✓ It-tieni nett, il-"biża' ġustifikata" hija bbażata fuq il-valutazzjoni tar-riskju, li **tħares 'il quddiem.** Minħabba d-diffikultajiet inerenti biex issir pronjosi dwar x'jiġri li kieku l-applikant jirritorna, ir-riskju ta' apprezzament suġġettiv f'dan ir-rigward huwa għoli. Għalhekk, huwa importanti ħafna li l-evalwazzjoni tal-biża' ġustifikata ssir abbażi ta' metodoloġija oġġettiva u li tevita l-ispekulazzjoni. Metodoloġija bħal din rigward l-aspett fattwali ta' din il-valutazzjoni tinstab fil-Gwida Prattika tal-EASO: Valutazzjoni tal-Evidenza.

**Valutazzjoni fattwali**

- Filwaqt li l-valutazzjoni hija orjentata lejn il-ġejjieni, normalment tkun ibbażata fuq avvenimenti tal-imgħoddi u/jew kurrenti.
- L-uffiċjal tal-każ għandu jqis il-fatti materjali kollha li jkunu ġew aċċettati u jevalwa l-grad ta' probabbiltà li jista' jseħħ it-trattament ħażin li jibża' minnu l-applikant (valutazzjoni tar-riskju).

→

**Analiżi legali**

- Abbażi ta' din il-valutazzjoni tar-riskju, l-uffiċjal tal-każ għandu janalizza jekk il-kriterju "ġustifikat (biża')" jkunx issodisfat.

***Kunsiderazzjonijiet speċifiċi:***

**Esperjenza ta' persekuzzjoni fil-passat:** Il-fatt li l-applikant qabel kien soġġett għal persekuzzjoni minnu nnifsu ma jfissirx li hemm riskju ta' persekuzzjoni fil-ġejjieni. Madankollu, persekuzzjoni jew theddid fil-passat jikkostitwixxu indikazzjoni serja ta' biża' ġustifikata. F'dak il-każ, l-uffiċjal responsabbli mill-każ ikollu r-responsabbiltà li juri li l-persekuzzjoni mhijiex ser tiġi ripetuta jekk l-applikant jirritorna lejn pajjiżu.

Barra minn hekk, skont il-prattiki nazzjonali, jista' jkun hemm każijiet fejn ikun sostanzjat li d-dannu mhux ser jerġa' jiġi ripetut, madankollu, il-persekuzzjoni fil-passat jista' jkun li kienet ta' **natura tant attroċi** li d-dannu jitqies li huwa persistenti. F'sitwazzjoni bħal din, l-applikant ma jistax jiġi mistenni li jmur lura lejn il-post tal-persekuzzjoni minħabba li r-ritorn jista' jikkawżalu tbatija psikoloġika li tilħaq l-istess severità bħal persekuzzjoni.

Huwa importanti wkoll li l-uffiċjali responsabbli mill-każ iżommu f'moħħhom li **n-nuqqas ta' persekuzzjoni fil-passat ma jfissirx li ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni fil-ġejjieni.** Il-biża' tal-applikant tista' tkun ġustifikata independentement mill-passat tiegħu u mill-esperjenzi attwali.

Madankollu, ir-riskju li jkun soġġett għal persekuzzjoni mar-ritorn jenħtieġ li dejjem ikun riskju individwali.

# Status ta' refuġjat: Raġunijiet għall-persekuzzjoni [lura għal-lista ta' kontroll]

| Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra | Id-Direttiva dwar il-Kwalifika | Il-leġiżlazzjoni nazzjonali |
|---|---|---|
| L-Artikolu 1A(2) | L-Artikolu 10 | *Daħħal id-dispożizzjoni.* |

Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tipprevedi ħames raġunijiet għall-persekuzzjoni li abbażi tagħhom l-istatus ta' refuġjat jiġi rikonoxxut: ir-razza, ir-reliġjoni, iċ-ċittadinanza, is-sħubija fi grupp soċjali partikolari u l-opinjoni politika. Kull waħda minn dawn ir-raġunijiet ma teskludix lill-oħrajn u aktar minn raġuni waħda tista' tkun rilevanti f'każ partikolari.

Huwa importanti wkoll li wieħed jinnota li r-raġuni għall-persekuzzjoni jista' jkun li ma tkunx karatteristika reali tal-applikant iżda imputata fuqu.

Barra minn hekk, ir-raġunijiet kollha msemmija hawn taħt jistgħu jirriżultaw bħala reazzjoni għal azzjoni, kif ukoll minn ommissjoni tal-applikant.

Il-valutazzjoni ma tistax tiġi msejsa fuq preżunzjoni li l-persuna tista' tevita l-persekuzzjoni billi tastjeni minn ċerti prattiki marbuta ma' dawn ir-raġunijiet, pereżempju prattiki reliġjużi, espressjoni ta' identità tal-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali jew l-opinjoni politika.

## Razza [lura għal-lista ta' kontroll]

Skont il-QD, il-kunċett ta' **razza** għandu b'mod partikolari jinkludi l-kunsiderazzjonijiet ta':

- kulur tal-ġilda
- dixxendenza
- sħubija fi grupp etniku partikolari

**Il-kulur** huwa relatat mad-definizzjoni tradizzjonali tar-razza, li tintuża sabiex tirreferi għall-gruppi prinċipali ta' bnedmin skont il-karatteristiċi fiżiċi u l-apparenza.

**Id-dixxendenza** tirreferi għal gruppi li huma marbuta b'antenati komuni bħal membri ta' tribù, klann, kasta, komunità ereditarja partikolari.

Ma teżistix definizzjoni maqbula b'mod komuni ta' **grupp etniku**, iżda ġeneralment jitqies bħala komunità (inklużi minoranza u/jew poplu indiġenu) b'karatteristiċi komuni bħal lingwa, reliġjon, storja komuni, kultura, drawwiet u użanzi, stil ta' ħajja, post ta' residenza, eċċ.

L-etniċità hija raġuni li tista' titqies bħala parti mir-razza kif ukoll bħala parti miċ-ċittadinanza (ara s-sottotaqsima "Ċittadinanza" hawn taħt).

## Reliġjon [lura għal-lista ta' kontroll]

Skont il-QD, il-kunċett ta' **reliġjon** għandu b'mod partikolari jinkludi l-kunsiderazzjonijiet ta':

- twemmin teistiku, nonteistiku u ateistiku
- parteċipazzjoni jew astensjoni mit-talb formali fil-privat jew fil-pubbliku, solitarju jew fil-komunità ma' oħrajn
- parteċipazzjoni jew astensjoni minn atti reliġjużi jew espressjonijiet ta' opinjoni oħrajn
- parteċipazzjoni jew astensjoni minn forom ta' mġiba personali jew komunali bbażata fuq jew awtorizzata minn kwalunkwe twemmin reliġjuż

Il-bażi tar-reliġjon għandha definizzjoni wiesgħa u flessibbli skont il-QD, inkluża l-imġiba bbażata fuq kwalunkwe twemmin reliġjuż jew awtorizzata minnu, li jista' jkopri l-imġiba minn jum għal jum, l-istil ta' ħajja u d-drawwiet u l-użanzi tal-komunità.

Essenzjali għal din ir-raġuni hija wkoll il-valutazzjoni tad-dritt li ma tipprattikax reliġjon, id-dritt li tkun ateu jew li tibdel ir-reliġjon tiegħek. Tinkludi wkoll il-possibbiltà li tipprattika r-reliġjon fil-pubbliku, inkluż id-dritt li xxerred it-twemmin permezz tal-proselitiżmu.

Madankollu, jenħtieġ li jiġi nnutat li l-eżerċizzju ta' prattiki reliġjużi li jagħmlu ħsara, u li jistgħu jaffettwaw l-integrità fiżika jew psikoloġika ta' persuna, ma jaqgħux taħt il-protezzjoni tal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u r-refuġjati.

## Nazzjonalità [Iura għal-lista ta' kontroll]

Skont il-QD, il-kunċett ta' **nazzjonalità** ma għandux ikun limitat biss għaċ-**ċittadinanza** jew in-nuqqas tagħha iżda għandu, b'mod partikolari, jinkludi s-**sħubija fi grupp iddeterminat minn**:

| | | |
|---|---|---|
| identità kulturali | identità etnika | identità lingwistika |
| oriġini ġeografika jew politika komuni | relazzjoni mal-popolazzjoni ta' Stat ieħor | |

Fl-aspett tal-identità etnika, ir-raġunijiet tan-nazzjonalità u r-razza ħafna drabi jikkoinċidu (ara s-sottotaqsima "Razza" hawn fuq).

Jenħtieġ li jiġi nnutat li l-persekuzzjoni ta' persuna minħabba li tkun apolida għandha tiġi kkunsidrata bħala parti minn din ir-raġuni.

## Sħubija fi grupp soċjali partikolari [Iura għal-lista ta' kontroll]

Il-kunċett ta' "grupp soċjali partikolari" huwa mifhum bħala idea flessibbli, li x'aktarx li tevolvi maż-żmien. Madankollu, sabiex tiġi ppreżervata l-integrità tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra u l-QD u sabiex jiġi żgurat li raġunijiet oħrajn ma jsirux superfluwi, din ir-raġuni ma tistax tiġi interpretata bħala kategorija "omnikomprensiva".

Skont il-QD, grupp għandu jiġi kkunsidrat li jifforma grupp soċjali partikolari meta:

- membri ta' dak il-grupp jaqsmu karatteristika innata jew sfond komuni li ma jistax jinbidel, jew jaqsmu karatteristika jew twemmin li tant ikunu fundamentali għall-identità jew il-kuxjenza li persuna jenħtieġ li ma tiġix sfurzata li tirrinunzjahom, u
- dak il-grupp ikollu identità distinta fil-pajjiż rilevanti, minħabba li jiġi meqjus differenti mis-soċjeta ta' madwaru.

Dawn l-elementi huma spjegati f'aktar dettall hawn taħt.




### Karatteristika komuni

Il-karatteristika komuni trid tkun:

- **karatteristika innata**: ġeneralment, dawn ikunu karatteristiċi li wieħed jitwieled bihom (eż. is-sess u l-ġeneru), iżda jenħtieġ li jiġi nnutat li l-karatteristiċi m'hemmx għalfejn ikunu immutabbli jew li ma jinbidlux; jew

- **sfond komuni li ma jistax jinbidel:** bħal status ereditarju jew l-isfond soċjali jew edukattiv jew l-esperjenzi fil-passat; jew
- karatteristika jew twemmin li tant ikunu **fundamentali għall-identità jew il-kuxjenza** li persuna jenħtieġ li ma tiġix sfurzata tirrinunzjahom.

Is-sempliċi fatt ta' persekuzzjoni ma għandux ikun l-uniku element li jagħti sfond lil "grupp soċjali partikolari", minħabba li b'hekk din ir-raġuni tkun qed titlef kull kontenut li jagħtiha tifsira.

Mhuwiex neċessarju li l-membri ta' grupp li jaqsmu karatteristiċi komuni jkunu jafu lil xulxin, ikunu qrib xulxin jew ikunu marbuta b'xi mod. Id-daqs tal-grupp huwa irrilevanti wkoll.

## Perċezzjoni ta' identità distinta

Il-perċezzjoni ta' grupp bħala wieħed distint fiha nnifisha ma timplikax konnotazzjoni negattiva.

Il-perċezzjoni mis-soċjetà tal-madwar tista' tiġi influwenzata mill-kultura, id-drawwiet jew it-tradizzjonijiet. Dan ifisser li sabiex jiġi vvalutat dan il-kriterju, l-uffiċjali responsabbli mill-każ jeħtiġilhom iqisu kif xieraq l-informazzjoni rilevanti tal-pajjiż ta' oriġini. Il-kriterju tal-"identità distinta" jista' jintlaħaq fir-rigward ta' pajjiż wieħed u mhux ta' ieħor.

L-eżistenza tal-liġi kriminali, li għandha fil-mira speċifika tagħha ċerti persuni, tappoġġja sejba li dawn il-persuni jenħtieġ li jitqiesu bħala persuni li jiffurmaw parti minn grupp soċjali partikolari. Prattiki ta' diskriminazzjoni jistgħu juru wkoll li l-kriterju tal-"identità distinta" ikun intlaħaq.

### *Kunsiderazzjonijiet speċifiċi:*

***Il-ġeneru, l-Identità tal-ġeneru u l-orjentazzjoni sesswali***

Għall-finijiet tad-definizzjoni ta' grupp soċjali partikolari, il-kwistjonijiet li jirriżultaw mill-**ġeneru, l-identità tal-ġeneru u l-orjentazzjoni sesswali** ta' applikant, li jistgħu jkunu marbuta ma' ċerti tradizzjonijiet u drawwiet legali, u li jirriżultaw f'pereżempju mutilazzjoni ġenitali, sterilizzazzjoni sfurzata jew abort sfurzat, jenħtieġ li jingħataw kunsiderazzjoni xierqa sakemm dawn ikunu relatati mal-biża' ġustifikata tal-applikant mill-persekuzzjoni.

**L-orjentazzjoni sesswali/l-identità sesswali:** jirreferu għall-kapaċità ta' persuna li jkollha attrazzjoni emozzjonali, affettiva u/jew sesswali profonda u/jew relazzjonijiet intimi u sesswali ma' individwi ta' ġeneru differenti, tal-istess ġeneru jew ta' aktar minn ġeneru wieħed. Dan jista' jiġi interpretat bħala l-linja sekwenzjali bejn l-eterosesswalità esklussiva fuq naħa waħda u l-omosesswalità esklussiva fuq in-naħa l-oħra; fin-nofs, il-bisesswalità. L-interpretazzjoni tal-orjentazzjoni sesswali tvarja b'mod sinifikanti f'pajjiżi differenti u bejn kulturi differenti.

L-orjentazzjoni sesswali hija karatteristika intrinsika tal-individwu u m'hemmx dubju li tista' tkun karatteristika komuni għad-definizzjoni ta' grupp soċjali partikolari.

Jenħtieġ li jiġi nnutat li l-orjentazzjoni sesswali ma tistax titqies li tinkludi atti li huma kkunsidrati bħala kriminali skont il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri.

**L-identità tal-ġeneru**: tirreferi għall-esperjenza profonda interna u individwali ta' kull persuna tal-ġeneru, li jista' jkun li mhux dejjem tikkorrispondi għas-sess assenjat fit-twelid, inkluż is-sens personali tal-ġisem (li jista' jinvolvi, jekk jintgħażel b'mod liberu, il-modifikazzjoni tal-apparenza jew il-funzjoni tal-ġisem permezz ta' mezzi mediċi, kirurġiċi jew oħrajn) u espressjonijiet oħrajn tal-ġeneru, inklużi l-ilbies, id-diskors u l-manjeriżmi.

Il-ġeneru jmur lil mis-sess bijoloġiku ta' persuna. Huwa taħlita ta' aspettattivi soċjali, kulturali u psikoloġiċi li s-soċjetajiet jiffurmaw abbażi tas-sess u jirreferi għar-"rwoli" preskritti liż-żewġ sessi.

Il-persekuzzjoni abbażi tal-ġeneru, tal-identità tal-ġeneru u tal-orjentazzjoni sesswali ħafna drabi tinvolvi atturi mhux statali, inkluża l-familja tal-applikant.

Jista' jkun li wieħed isib gwida addizzjonali dwar liema gruppi jikkostitwixxu gruppi soċjali partikolari fil-livell nazzjonali.

| **Gwida nazzjonali** |
|---|
| *Daħħal il-gwida nazzjonali rilevanti.* |

## Opinjoni politika [lura għal-lista ta' kontroll]

Skont il-QD, il-kunċett ta' **opinjoni politika** għandu, b'mod partikolari, jinkludi:

żamma ta' opinjoni, ħsieb jew twemmin...

....dwar kwistjoni relatata mal-atturi potenzjali ta' persekuzzjoni msemmija u għall-politika jew il-metodi tagħhom.

kemm jekk dik l-opinjoni, ħsieb jew twemmin ikun aġixxa fuqu l-applikant u kemm jekk le.

Aspett importanti tad-definizzjoni stipulata fil-QD huwa li l-opinjoni politika tista' tikkostitwixxi raġuni għall-persekuzzjoni mhux biss mill-Istat, iżda anki minn atturi mhux statali. Din hija usa' mill-fehmiet ta' persuna dwar il-politika uffiċjali tal-gvern u tista' tkun relatata mal-kontenut tal-politiki, kif ukoll mal-metodi ta' avvanz tagħhom ta' kwalunkwe attur tal-persekuzzjoni potenzjali.

### *Kunsiderazzjonijiet speċifiċi:*

***L-evażjoni tas-servizz militari:*** Każ speċifiku li jaqa' taħt ir-raġuni ta' opinjoni politika jista' jkun l-evażjoni tas-servizz militari. Sabiex din tiġi kkunsidrata bħala raġuni rilevanti għall-persekuzzjoni, il-parteċipazzjoni f'azzjoni militari jenħtieġ li tmur kontra l-konvinzjonijiet politiċi, reliġjużi jew morali ġenwini tal-applikant. Il-gwida għall-valutazzjoni ta' jekk il-kastig għal tali evażjoni jistax jitqies bħala persekuzzjoni jew le hija mogħtija hawn fuq taħt il-kunsiderazzjonijiet speċifiċi fit-taqsima "Persekuzzjoni".

***L-impjegati taċ-ċivil:*** L-impjegati taċ-ċivil jistgħu jitqiesu mill-atturi ta' persekuzzjoni li għandhom opinjoni politika favur il-gvern.

***Il-fatt tat-tluq mill-pajjiż:*** F'ċerti każijiet, is-sempliċi fatt li wieħed jitlaq mill-pajjiż ta' oriġini b'mod irregolari jew is-soġġorn f'pajjiż barrani jistgħu jitqiesu mill-awtoritajiet fil-pajjiż ta' oriġini bħala t-tħaddin ta' opinjoni politika partikolari.

## Rabta/(għal raġunijiet ta') [lura għal-lista ta' kontroll]

| **Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra** | **Id-Direttiva dwar il-Kwalifika** | **Il-leġiżlazzjoni nazzjonali** |
|---|---|---|
| L-Artikolu 1A(2) | L-Artikolu 9(3) | *Daħħal id-dispożizzjoni.* |

L-atti tal-persekuzzjoni fihom infushom ma jikkwalifikawx lil persuna bħala refuġjat sakemm dawn ma jitwettqux minħabba raġuni waħda (jew aktar minn waħda) minn dawk imsemmija hawn fuq. Irid ikun hemm rabta ta' kawżalità bejn ir-raġuni u l-persekuzzjoni jew in-nuqqas ta' protezzjoni minn persekuzzjoni bħal din.

Ir-rabta tista' tkun:

- **Konnessjoni mal-atti ta' persekuzzjoni:** F'dan il-każ, il-biża' tal-applikant mill-persekuzzjoni tkun marbuta mar-razza, ir-reliġjon, in-nazzjonalità, is-sħubija fi grupp soċjali partikolari jew l-opinjoni politika (reali jew imputata) tiegħu.
- **Konnessjoni man-nuqqas ta' protezzjoni:** Jeżistu każijiet fejn il-persekuzzjoni tista', għal raġunijiet li jaqgħu barra mid-definizzjoni ta' refuġjat, iżda fejn hija ttollerata, inkoraġġita jew mhux prevenuta mill-atturi tal-protezzjoni minħabba waħda mill-ħames raġunijiet. Ir-rekwiżit ta' rabta għaldaqstant jiġi ssodisfat b'rabta man-nuqqas ta' protezzjoni.

Jista' jagħti l-każ li applikant ma jkunx jista' juri l-intenzjonijiet jew il-motivi ta' persekuzzjoni min-naħa tal-attur tal-persekuzzjoni. Jista' ma jkunx realistiku li wieħed jistenna li l-persekuturi jkunu identifikaw ruħhom b'mod ċar, ikunu assumew responsabbiltà għall-azzjonijiet tagħhom jew ikunu speċifikaw il-motivi tagħhom. Madankollu, jista' jkun possibbli li tinsilet inferenza xierqa mill-elementi ċirkostanzjali.

### *Kunsiderazzjonijiet speċifiċi:*

**Il-pluralità tal-motivi:** Jista' jkun hemm raġunijiet oħrajn għaliex ikun twettaq att ta' persekuzzjoni minbarra raġunijiet ta' razza, reliġjon, nazzjonalità, sħubija fi grupp soċjali partikolari jew opinjoni politika. Huwa importanti li jiġi nnutat li sabiex tiġi stabbilita r-rabta ta' kawżalità meħtieġa, l-atti m'hemmx bżonn li jkunu motivati esklussivament minn waħda mill-ħames raġunijiet.

# Protezzjoni sussidjarja [lura għal-lista ta' kontroll]

| Id-Direttiva dwar il-Kwalifika | Il-leġiżlazzjoni nazzjonali |
|---|---|
| L-Artikolu 2(f) | *Daħħal id-dispożizzjoni.* |

Kif jindika l-isem, il-protezzjoni sussidjarja jenħtieġ li sservi bħala forma addizzjonali ta' protezzjoni internazzjonali li tkun komplementari għall-istatus ta' refuġjat. Dan ifisser li **persuna jenħtieġ li tingħata l-protezzjoni sussidjarja biss jekk ir-rekwiżiti għall-għoti ta' status ta' refuġjat ma jiġux issodisfati.**

Bħala punt ta' tluq, jeżistu żewġ elementi li jeħtieġ li jiġu ċċarati fir-rigward tal-protezzjoni sussidjarja: Ir-"riskju reali" u d-"dannu serju".

## Riskju reali

"Riskju reali" jirreferi għall-istandard ta' prova applikat fil-valutazzjoni tar-riskju fil-każ ta' protezzjoni sussidjarja. Din hija valutazzjoni fattwali u titqies li tikkorrispondi għal-"**livell raġonevoli tal-probabbiltà**" (ara l-"Gwida Prattika tal-EASO: Valutazzjoni tal-evidenza").

## Dannu serju

Id-"dannu serju" jikkaratterizza n-natura u l-intensità (is-severità) tal-interferenza mad-drittijiet tal-persuna. Sabiex dik l-interferenza titqies bħala waħda "serja" trid tkun ta' severità suffiċjenti. Barra minn hekk, ma jistax ikun kwalunkwe tip ta' dannu, diskriminazzjoni jew ksur tad-drittijiet. L-Artikolu 15 tal-QD jispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni tad-"dannu serju" rilevanti permezz tad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

Dannu serju jikkonsisti minn:

(a) piena kapitali jew eżekuzzjoni; jew

(b) tortura jew trattament inuman jew degradanti jew kastig ta' applikant fil-pajjiż ta' oriġini; jew

(c) theddida serja u individwali għall-ħajja jew għall-persuna ċivili minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern.

Dan it-tip ta' dannu fih innifsu jimplika severità suffiċjenti.

Ma teżistix ordni stabbilita ġerarkika jew kronoloġika bejn id-dispożizzjonijiet differenti. Jekk aktar minn dispożizzjoni waħda tal-Artikolu 15 tal-QD tidher li hija applikabbli, l-uffiċjal responsabbli mill-każ jenħtieġ li japplika dik li tikkorrispondi l-aħjar għall-każ individwali. Ma jistax jiġi eskluż li f'ċerti każijiet il-protezzjoni sussidjarja tista' tkun ibbażata b'mod validu fuq aktar minn raġuni waħda.

# Piena kapitali jew eżekuzzjoni [lura għal-lista ta' kontroll]

| Id-Direttiva dwar il-Kwalifika | Il-leġiżlazzjoni nazzjonali |
|---|---|
| L-Artikolu 15(a) | *Daħħal id-dispożizzjoni.* |

Il-piena kapitali hija kkunsidrata bħal tali, u fi kwalunkwe ċirkostanza, bħala dannu serju skont l-Artikolu 15 tal-QD. M'hemmx għalfejn li s-sentenza tkun diġà ġiet imposta. Is-sempliċi eżistenza ta' riskju reali li mar-ritorn tista' tiġi imposta piena kapitali fuq applikant tista' titqies bħala biżżejjed sabiex tissostanzja l-bżonn ta' protezzjoni sussidjarja.

Kif tissuġġerixxi ż-żieda tat-terminu "eżekuzzjoni", l-Artikolu 15(a) jinkludi wkoll il-qtil intenzjonat ta' persuna minn atturi mhux statali li jeżerċitaw xi tip ta' awtorità. Tista' tinkludi wkoll qtil extraġudizzjarju, iżda jeħtieġ li jkun hemm element ta' kastig intenzjonat u formalizzat.

***Kunsiderazzjonijiet speċifiċi:***

**Moratorju fuq il-piena kapitali:** F'każijiet fejn ikun fis-seħħ moratorju fuq il-piena kapitali, iżda l-piena kapitali ma tkunx ġiet abolita, xorta jista' jkun hemm riskju reali ppreżentat mill-piena kapitali jew l-eżekuzzjoni għall-applikant.

Jekk ir-riskju reali tal-eżekuzzjoni tal-piena kapitali ma jkunx jista' jiġi eskluż, dan ukoll jista' jkun probabbli li jikkawża biża' u tbatija komparabbli mad-dannu serju deskritt fl-Artikolu 15(b) tal-QD.

**Alternattivi għall-piena kapitali:** L-alternattivi għall-piena kapitali, bħall-priġunerija għall-għomor, speċjalment fejn ma jkunx hemm prospetti ta' ħelsien mill-arrest, jenħtieġ li jiġu vvalutati wkoll b'rabta mal-bżonnijiet potenzjali ta' protezzjoni stipulata fl-Artikolu 15(b) tal-QD.

**Kunsiderazzjonijiet ta' esklużjoni:** F'ċerti każijiet, il-piena kapitali tkun ġiet imposta għal reat serju mwettaq mill-applikant jew atti oħrajn li jaqgħu taħt ir-raġunijiet għal esklużjoni (l-Artikolu 12 u 17 tal-QD). Għaldaqstant, għalkemm il-kriterji tal-Artikolu 15(a) tal-QD ikunu ġew issodisfati, il-kunsiderazzjonijiet ta' esklużjoni jenħtieġ li jiġu esplorati. Ara l-"Gwida Prattika tal-EASO: L-Esklużjoni".

## Tortura jew trattament jew kastig inuman jew degradanti [lura għal-lista ta' kontroll]

| Id-Direttiva dwar il-Kwalifika | Il-leġiżlazzjoni nazzjonali |
|---|---|
| L-Artikolu 15(b) | *Daħħal id-dispożizzjoni.* |

Essenzjalment, l-Artikolu 15(b) tal-QD jikkorrispondi għall-Artikolu 3 tal-KEDB. Għalhekk, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) tipprovdi gwida rilevanti sabiex jiġi vvalutat jekk trattament jistax jikkwalifika skont l-Artikolu 15(b) tal-QD u l-kunċetti tagħha:

tortura

trattament inuman jew degradanti

kastig inuman jew degradanti

Il-ġurisprudenza ħafna drabi ma tiddinstingwix b'mod ċar bejn tortura u trattament inuman jew degradanti, iżda fi kwalunkwe każ tirrikjedi li t-trattament ħażin jikseb livell minimu ta' severità.

L-evalwazzjoni tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, bħal pereżempju t-tul ta' żmien tat-trattament ħażin, l-effetti mentali u fiżiċi tiegħu u, f'ċerti każijiet, il-ġeneru, l-età u l-istat tas-saħħa tal-persuna. L-iskop li għalih ikun ingħata t-trattament u l-intenzjoni tal-attur jistgħu jkunu wkoll fatturi rilevanti.

Fejn trattament speċifiku jkun diġà ġie vvalutat bħala wieħed li jista' jitqies bħala persekuzzjoni, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat li l-livell ta' severità meħtieġ mill-Artikolu 15(b) tal-QD ikun sostanzjat ukoll.

### Tortura

It-tortura hija trattament krudili, inuman jew degradanti aggravat u intenzjonat li miegħu hemm marbuta stigma speċjali.

Skont strumenti internazzjonali rilevanti, bħall-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattamenti jew Kastigi Krudili, Inumani jew Degradanti oħra (CAT), it-tortura hija meqjusa bħala:

- ✓ **att intenzjonat**
- ✓ li jikkawża **uġigħ jew sofferenza gravi**, sew jekk din tkun **fiżika** jew **mentali**
- ✓ sabiex jinkisbu mill-persuna soġġetta għat-tortura jew minn persuna terza informazzjoni jew konfessjoni, dik tal-ewwel tiġi kkastigata għal att li hi jew persuna terza jkunu wettqu jew ikun hemm suspett li jkunu wettqu, jew sabiex hi jew persuna terza jiġu intimidati jew mġiegħla, jew għal kwalunkwe raġuni bbażata fuq kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni.

Filwaqt li l-CAT tirrikjedi wkoll li l-att ta' tortura għandu jitwettaq minn jew b'reazzjoni għall-istigazzjoni ta' aġent pubbliku, il-QD tagħmilha ċara li l-aġenti ta' dannu serju jistgħu jkunu wkoll atturi mhux statali (ara t-taqsima "Atturi tal-persekuzzjoni u d-dannu serju" hawn taħt). Ma ssir l-ebda eċċezzjoni fir-rigward tal-Artikolu 15(b) tal-QD.

## Trattament jew kastig inuman jew degradanti

Id-distinzjoni bejn tortura u trattament jew kastig inuman jew degradanti hija aktar differenza ta' severità milli ta' natura.

Dawn ikopru firxa wiesgħa ta' trattament ħażin li jilħaq ċertu livell ta' severità.

**Inuman:** jirreferi għat-trattament jew kastig li b'mod intenzjonat jikkawża sofferenza mentali jew fiżika intensa (li ma tilħaqx il-livell limitu tat-tortura).

**Degradanti:** jirreferi għat-trattament jew il-kastig li jġiegħel lill-vittma tħoss biża', diqa kbira u inferjorità li tista' tumiljaha jew tbaxxih.

Jenħtieġ li jiġi enfasizzat li mhuwiex meħtieġ għan speċifiku. Il-valutazzjoni ta' jekk trattament jew kastig huwiex inuman jew degradanti timplika wkoll kunsiderazzjoni suġġettiva mill-persuna li ssofri t-tali trattament/kastig.

### *Kunsiderazzjonijiet speċifiċi:*

**Nuqqas ta' disponibbiltà ta' kura tas-saħħa xierqa:** It-tortura jew it-trattament jew il-kastig inumani jew degradanti jeħtieġ li jitwettqu b'mod deliberat. Konsegwentement, id-dannu potenzjali li applikant li jsofri minn marda serja jista' jesperjenza jekk jirritorna lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu ma jaqax taħt l-Artikolu 15(b) tal-QD, sakemm tali applikant ma jiġix imċaħħad b'mod intenzjonat mill-kura tas-saħħa. Għaldaqstant, filwaqt li n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' kura tas-saħħa xierqa huwa kunsiderazzjoni importanti fil-kuntest tan-non-refoulment skont l-Artikolu 3 tad-KEDB, dan ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' trattament inuman jew degradanti indirizzat fl-Artikolu 15(b) tal-QD. Il-kwalifika għal protezzjoni internazzjonali skont il-QD tirrikjedi l-eżistenza ta' attur li jikkawża dannu serju.

**Il-prosekuzzjoni u l-kastig ta' reati ordinarji:** Il-prosekuzzjoni u l-kastig ta' reati ordinarji ma jiġux ikkaratterizzati bħala trattament jew kastig inuman jew degradanti sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi aggravanti speċjali li jappoġġjaw il-preżunzjoni li l-prosekuzzjoni jew il-kastig huma estremament inġusti jew sproporzjonati. Il-valutazzjoni jenħtieġ li tqis ukoll jekk id-dritt għal proċess ġust ikunx ġie osservat.

Ta' min jinnota li t-trattament jew il-kastig inuman jew degradanti jistgħu jiġu stabbiliti anki f'każ ta' għemil ħażin mill-applikant. Jekk jiġi stabbilit il-bżonn għall-protezzjoni f'każ bħal dan, il-kunsiderazzjonijiet ta' esklużjoni xorta jistgħu jkunu rilevanti. Ara l-"Gwida Prattika tal-EASO: L-Esklużjoni".

**It-tiċħid tal-libertà:** L-Istat jeħtieġlu jiżgura li persuna miżmuma taħt arrest tiġi akkomodata f'kundizzjonijiet li huma kompatibbli mar-rispett għad-dinjità tal-bniedem. Il-mod u l-metodi ta' implimentazzjoni ta' miżura bħal din ma jridux jagħmlu lill-persuna soġġetta għal dwejjaq jew tbatija ta' intensità li tisboq il-livell inevitabbli ta' sofferenza intrinsiku għat-tiċħid mil-libertà.

Meta jkunu qed jiġu vvalutati l-kundizzjonijiet tad-detenzjoni, l-elementi li ġejjin jistgħu, pereżempju, jitqiesu (b'mod kumulattiv): in-numru ta' persuni miżmuma taħt arrest fi spazju limitat, l-adegwatezza tal-faċilitajiet sanitarji, it-tisħin, it-tidwil, l-arranġamenti tal-irqad, l-ikel, ir-rikreazzjoni u l-kuntatt mad-dinja ta' barra, eċċ.

## Theddida serja u individwali għall-ħajja jew għall-persuna ċivili minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern [lura għal-lista ta' kontroll]

| Id-Direttiva dwar il-Kwalifika | Il-leġiżlazzjoni nazzjonali |
|---|---|
| L-Artikolu 15(c) | *Daħħal id-dispożizzjoni.* |

L-elementi li jeħtieġ li jiġu stabbiliti sabiex japplika l-Artikolu 15(C) tal-QD jinkludu:




Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi nnutat li l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(c) tal-QD hija sinifikattivament dipendenti fuq is-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż ta' oriġini. Għaldaqstant, il-valutazzjoni ta' informazzjoni oġġettiva u aġġornata dwar il-pajjiż ta' oriġini tikkostitwixxi element kruċjali f'dan ir-rigward.




### Konflitt armat internazzjonali jew intern

Kif inhu enfasizzat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Diakité*, id-definizzjoni ta' "konflitt armat" skont il-liġi umanitarja internazzjonali ma tapplikax fil-kuntest tal-Artikolu 15(c) tal-QD. Għaldaqstant, sabiex jiġi vvalutat jekk "konflitt armat" (internazzjonali jew intern) hux qed iseħħ, mhuwiex meħtieġ li jiġu ssodisfati l-kriterji stipulati fil-liġi umanitarja internazzjonali.

Sabiex jiġi stabbilit li konflitt armat qed iseħħ skont it-tifsira tal-Artikolu 15(c) tal-QD, iż-żewġ elementi li ġejjin huma biżżejjed:

- ✓ żewġ gruppi armati jew aktar — sew jekk ikunu involuti l-forzi armati tal-Istat u sew jekk le;
- ✓ konfrontazzjoni bejn dawk il-gruppi armati.

Mhuwiex neċessarju li titwettaq valutazzjoni separata tal-intensità tal-konfrontazzjonijiet armati, il-livell ta' organizzazzjoni tal-forzi armati involuti jew it-tul tal-konflitt.

Barra minn hekk, fil-kuntest tal-Artikolu 15(c) tal-QD, id-distinzjoni bejn konflitt armat "internazzjonali" jew "intern" mhijiex neċessarja, minħabba li d-dispożizzjoni hija applikabbli bl-istess mod f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali u intern.

Konflitt armat jista' jseħħ biss f'partijiet mit-territorju.

Jista' jkun li teżisti gwida li tikkwalifika s-sitwazzjoni f'ċerti pajjiżi, jew partijiet minn pajjiżi ta' oriġini, bħala konflitt armat (internazzjonali jew intern).

| Gwida nazzjonali |
|---|
| *Daħħal il-gwida nazzjonali rilevanti.* |

persuna ċivili

## Persuna ċivili

Li tkun persuna ċivili huwa prerekwiżit neċessarju sabiex tkun tista' tibbenefika mill-protezzjoni skont l-Artikolu 15(c) tal-QD, minħabba li l-iskop tad-dispożizzjoni hija li tipproteġi biss lil dawk li ma jkunux qed jieħdu sehem fil-konflitt. Dan jinkludi l-applikazzjoni potenzjali tal-Artikolu 15(c) tal-QD għal persuni li qabel kienu suldati u li jkunu rrinunzjaw l-attività bl-armi b'mod ġenwin u permanenti.

Il-valutazzjoni tal-protezzjoni teħtieġ valutazzjoni li tħares 'il quddiem. Għaldaqstant, il-kwistjoni prinċipali hawnhekk hija jekk applikant huwiex ser ikun persuna ċivili ladarba jirritorna jew le. Il-fatt li l-persuna tkun ipparteċipat f'ostilitajiet fil-passat ma jfissirx neċessarjament li l-Artikolu 15(c) tal-QD ma jkunx applikabbli għaliha.

It-terminu "**persuna ċivili**" huwa, għaldaqstant, ikkunsidrat li jirreferi għal persuna li ma tkunx membru fi kwalunkwe waħda mill-partijiet fil-konflitt u li ma tkunx qed tieħu sehem fl-ostilitajiet. Meta tkun qed tiġi vvalutata l-applikabbiltà tal-Artikolu 15(c) tal-QD fir-rigward ta' applikant li qabel ikun ħa sehem fl-ostilitajiet jista', pereżempju, ikun rilevanti li jiġi eżaminat jekk il-parteċipazzjoni kinitx volontarja jew mġiegħla. Fil-każ ta' persuni li qabel kienu suldati, il-kunsiderazzjonijiet ta' esklużjoni jistgħu wkoll ikunu rilevanti (ara l-"Gwida Prattika tal-EASO: L-Esklużjoni").

Jenħtieġ li jiġi nnutat li s-sehem attiv fl-ostilitajiet mhuwiex limitat għall-ġarr tal-armi fl-apert, iżda jista' jinkludi wkoll l-għoti ta' appoġġ loġistiku u/jew amministrattiv sostanzjali lis-suldati.

F'każ ta' dubju rigward l-istatus ċivili ta' persuna, jenħtieġ li jittieħed approċċ orjentat lejn il-protezzjoni u l-persuna jenħtieġ li titqies bħala ċivili.

Jista' jkun hemm fis-seħħ gwida nazzjonali addizzjonali fir-rigward ta' min għandu jikkwalifika bħala persuna ċivili jew mhux ċivili f'konflitt armat partikolari.

| Gwida nazzjonali |
|---|
| *Daħħal il-gwida nazzjonali rilevanti.* |

vjolenza indiskriminata

## Vjolenza indiskriminata

Kif stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Elgafaji,* it-terminu "*indiskriminata*" jimplika li l-vjolenza "**tista' testendi għal persuni mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni personali tagħhom**"**.** "Indiskriminata", għaldaqstant, tirreferi għan-natura tal-vjolenza u mhux għal-livell tagħha.

Barra minn hekk, id-distinzjoni fil-livell ta' vjolenza indiskriminata tista' ssir kif ġej:

I. territorji fejn il-livell ta' vjolenza indiskriminata tilħaq livell tant għoli li jirriżultaw raġunijiet sostanzjali sabiex wieħed jemmen li persuna ċivili, li tirritorna lejn il-pajjiż rilevanti jew, skont il-każ xi jkun, lejn ir-reġjun rilevanti, taffaċċja riskju reali li tiġi soġġetta għat-theddida serja msemmija fl-Artikolu 15(c) tal-QD, **esklussivament abbażi tal-preżenza tagħha** fit-territorju ta' dak il-pajjiż jew reġjun; u

II. territorji fejn iseħħ il-vjolenza indiskriminata, madankollu, ma tilħaqx livell tant għoli, u li fir-rigward tagħha **elementi individwali addizzjonali** jkollhom jiġu sostanzjati.

Fl-ewwel kategorija, is-"sempliċi preżenza", b'mod eċċezzjonali, tkun ikkunsidrata biżżejjed u l-ebda element ieħor ma jkun hemm bżonn li jiġi sostanzjat.

Fit-tieni kategorija, il-livell ta' vjolenza indiskriminata ma tilħaqx livell tant għoli u s-sempliċi preżenza ta' persuna ċivili ma twassalx awtomatikament għal riskju reali biżżejjed sabiex jiġi applikat l-Artikolu 15(c) tal-QD. F'dawk il-każijiet, aktar ma l-applikant ikun f'pożizzjoni li juri li huwa speċifikament affettwat minn raġunijiet ta' fatturi partikolari għaċ-ċirkostanzi tiegħu, aktar ikun baxx il-livell ta' vjolenza indiskriminata meħtieġa sabiex jiġi applikat l-Artikolu 15(c) tal-QD, u aktar ma jkun għoli l-livell ta' vjolenza indiskriminata li sseħħ, aktar ma jkun baxx il-livell meħtieġ ta' fatturi addizzjonali marbuta maċ-ċirkostanzi personali tal-applikant. Dan huwa magħruf bħala l-"iskala varjabbli".

**It-test tal-"iskala varjabbli" (QĠUE, *Elgafaji*)**




Jistgħu jitqiesu wkoll indikaturi differenti meta jkun qed jiġi dderminat jekk tkunx qed isseħħ vjolenza indiskriminata f'(parti minn) territorju:

- ✓ in-numru ta' inċidenti, inklużi l-frekwenza u d-densità tagħhom meta mqabbla mal-popolazzjoni lokali;
- ✓ in-natura tal-metodi u t-tattiki, inklużi dawk fil-mira;
- ✓ in-numru ta' mwiet ta' persuni ċivili, inklużi dawk li jkunu sofrew ġrieħi;
- ✓ il-preżenza u l-kapaċità ta' atturi differenti fil-konflitt;
- ✓ il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-vjolenza;
- ✓ l-ispostament immotivat mill-konflitt.

Impatt sinifikanti ieħor fuq il-ħajja ta' kuljum, inklużi l-libertà tal-moviment, l-aċċess għas-servizzi bażiċi, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u s-sitwazzjoni tal-persuni spustati mar-ritorn tagħhom jista' jitqies ukoll.

theddida serja u individwali

## Theddida serja u individwali

Meta mqabbel mad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 15(c) u (b) tal-QD, id-dannu ddefinit fl-Artikolu 15(c) tal-QD ikopri riskju aktar ġenerali għall-applikant. Aktar milli atti speċifiċi ta' vjolenza, hija meħtieġa "*theddida serja u individwali (għall-ħajja jew għall-persuna ċivili)*".

Dan l-element tal-Artikolu 15(c) tal-QD jenħtieġ li jiġi kkunsidrat fid-dawl tal-"iskala varjabbli" u d-distinzjoni possibbli bejn ċerti livelli ta' vjolenza indiskriminata.

L-eżistenza ta' theddida bħal din tista' tiġi kkunsidrata b'mod eċċezzjonali sabiex jiġi stabbilit f'liema punt il-vjolenza indiskriminata li tikkaratterizza l-konflitt tilħaq livell tant għoli li jirriżultaw raġunijiet sostanzjali sabiex wieħed jemmen li persuna ċivili li tirritorna lejn il-pajjiż rilevanti jew, skont il-każ xi jkun, lejn ir-reġjun rilevanti, taffaċċja riskju reali li tkun soġġetta għal dak it-theddid, esklussivament abbażi tal-preżenza tagħha fit-territorju ta' dak il-pajjiż jew reġjun. Fejn ma jintlaħaqx livell tant għoli ta' vjolenza indiskriminata, l-elementi ta' individwalizzazzjoni jkunu neċessarji kif inhu ssuġġerit mit-test tal-Artikolu 15(c) tal-QD. F'dan ir-rigward, ċerti applikanti jistgħu jiġu kkunsidrati li huma aktar suxxettibbli li jisfaw vittmi tal-vjolenza indiskriminata minħabba ċ-ċirkostanzi personali tagħhom.

Fatturi bħall-età, il-ġeneru, il-kundizzjoni tas-saħħa u diżabilitajiet, in-nuqqas ta' netwerk ta' familjari, is-sitwazzjoni ekonomika, il-prossimità ġeografika għal żoni li huma fil-mira tal-vjolenza, jistgħu jkunu ċirkostanzi personali rilevanti li għandhom jitqiesu.

għall-ħajja jew għall-persuna

## Il-ħajja jew il-persuna

Kif ġie stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Elgafaji* l-Artikolu 15(c) tal-QD għandu kamp ta' applikazzjoni addizzjonali għal dak tal-Artikolu 3 tal-KEDB, iżda b'kunsiderazzjoni xierqa għad-drittijiet tal-bniedem kif inhuma garantiti mill-KEDB.

Id-dannu li jista' jaffettwa l-ħajja jew il-persuna tal-applikant mhuwiex ristrett għal dak fiżiku, iżda jista' jinkludi wkoll dannu psikoloġiku gravi fejn dan ikun ċar li huwa r-riżultat tal-konflitt.

nexus (minħabba vjolenza indiskriminata)

## Rabta (bir-raġuni ta')

Ir-rekwiżit ta' rabta ("bir-raġuni ta'") jirreferi għar-rabta ta' kawżalità bejn il-vjolenza indiskriminata u d-dannu (theddida serja għall-ħajja jew il-persuna ta' persuna ċivili).

L-interpretazzjoni tal-kawża "bir-raġuni ta'" ma tistax tkun limitata għad-dannu li jiġi kkawżat direttament mill-vjolenza indiskriminata jew atti li jinbdew mill-atturi fil-konflitt.

Sa ċertu punt, din tista' tinkludi wkoll l-effett indirett tal-vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' konflitt bl-armi. Sakemm ikun hemm rabta li tista' tintwera mal-vjolenza indiskriminata, ċerti effetti indiretti jistgħu jitqiesu fil-valutazzjoni, pereżempju l-vjolenza kriminali mifruxa minħabba l-kollass totali tal-liġi u l-ordni, il-qerda tal-mezzi neċessarji biex wieħed jissopravivi, problemi relatati mal-provvista tal-ikel u l-aċċessibbiltà tal-kura tas-saħħa.

## Bżonnijiet ta' protezzjoni internazzjonali li jinħolqu sur place [lura għal-lista ta' kontroll]

| Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra | Id-Direttiva dwar il-Kwalifika | Il-leġiżlazzjoni nazzjonali |
|---|---|---|
| L-Artikolu 1A(2) | L-Artikolu 5 | *Daħħal id-dispożizzjoni.* |

Il-kundizzjoni li jkun barra mill-pajjiż ta' oriġini tiegħu ma tfissirx li sabiex jiġi rikonoxxut bħala refuġjat jew sabiex jingħata protezzjoni sussidjarja, l-applikant jeħtieġlu jkun telaq mill-pajjiż ta' oriġini minħabba biża' ġustifikata jew riskju reali ta' dannu serju. Iċ-ċirkostanzi rilevanti jistgħu jimmaterjalizzaw aktar tard u din is-sitwazzjoni hija msejħa *"sur place"*.

**Sitwazzjonijiet *Sur place*:**

| | |
|---|---|
| *Biża' ġustifikata ta' persekuzzjoni jew riskju reali li l-persuna ssofri dannu serju tista' tiġi bbażata fuq każijiet li jkunu seħħew mindu l-applikant ikun telaq mill-pajjiż tal-oriġini.* | Dan il-kliem huwa relatat ma' ċirkostanzi esterni u indipendenti mill-applikant, li għandhom konsegwenzi diretti fuq is-sitwazzjoni tal-applikant u joħolqu biża' ġustifikata mill-persekuzzjoni jew ir-riskju reali ta' dannu serju. Dawn l-avvenimenti jistgħu jirreferu għal bidla sinifikanti fiċ-ċirkostanzi fil-pajjiż ta' oriġini, inkluża l-intensifikazzjoni ta' fatturi eżistenti minn qabel mit-tluq tal-applikant mill-pajjiż ta' oriġini. Madankollu, mhuwiex rekwiżit li dawn l-avvenimenti jseħħu fil-pajjiż ta' oriġini. L-azzjonijiet ta' partijiet terzi jista' jkollhom ukoll impatt fuq is-sitwazzjoni individwali tal-applikant. |

| | |
|---|---|
| *Biża' ġustifikata ta' persekuzzjoni jew riskju reali li l-persuna ssofri dannu serju jistgħu jiġu bbażati fuq attivitajiet li l-applikant ikun wettaq minn meta telaq mill-pajjiż ta' oriġini, b'mod partikolari fejn jiġi stabbilit li l-attivitajiet fuq liema jkun straħ jikkostitwixxu l-espressjoni u l-kontinwità ta' konvinzjonijiet jew orjentazzjonijiet miżmuma fil-pajjiż ta' orġini.* | Meta jkunu qed jiġu indirizzati sitwazzjonijiet *sur place* marbuta mal-azzjonijiet tal-applikant, l-uffiċjali responsabbli mill-każ jeħtiġilhom jevalwaw jekk huwiex probabbli li l-atturi tal-persekuzzjoni jkunu konxji minn u preġudikati kontra konvinzjonijiet jew attivitajiet tal-applikant b'tali mod li jirriżulta f'biża' ġustifikata mill-persekuzzjoni fl-applikant jew f'riskju reali ta' dannu serju.<br><br>"L-espressjoni u l-kontinwità ta' konvinzjonijiet jew orjentazzjonijiet miżmuma fil-pajjiż ta' orġini" ma tirrikjedix li dawn tal-aħħar ikunu ġew espressi qabel fil-pajjiż ta' oriġini. Madankollu, huwa ċar li dan jista' jgħin sabiex jiġi sostanzjat li l-konvinzjonijiet jew l-orjentazzjonijiet kienu miżmuma qabel. |

Mingħajr preġudizzju għall-Konvenzjoni ta' Ġinevra, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li applikant li jressaq applikazzjoni sussegwenti normalment m'għandux jingħata status ta' refuġjat, jekk ir-riskju ta' persekuzzjoni jkun ibbażat fuq ċirkostanzi li l-applikant ikun ħoloq b'deċiżjoni tiegħu stess meta jkun telaq mill-pajjiż ta' oriġini (l-Artikolu 5(3) tal-QD). Il-possibbiltà li tiġi introdotta eċċezzjoni bħal din għandha l-għan li tevita l-abbużi mir-reġim ta' protezzjoni internazzjonali. Madankollu, jenħtieġ li jiġi nnutat li l-valutazzjoni dwar jekk il-biża' tal-applikant hijiex ġustifikata dejjem tibqa' waħda li tħares 'il quddiem u l-prinċipju tan-non-refoulment jenħtieġ li jiġi rrispettat f'kull każ.

| Leġiżlazzjoni u gwida nazzjonali |
|---|
| *Iċċara jekk l-Artikolu 5(3) tal-QD huwiex traspost u applikat.* |

# Atturi ta' persekuzzjoni jew dannu serju [lura għal-lista ta' kontroll]

| Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra | Id-Direttiva dwar il-Kwalifika | Il-leġiżlazzjoni nazzjonali |
|---|---|---|
| L-Artikolu 1A(2) | L-Artikolu 6 | *Daħħal id-dispożizzjoni.* |

Atturi ta' persekuzzjoni jew dannu serju jinkludu:

**L-Istat**

- Il-kunċett ta' Stat għandu jiġi interpretat b'mod wiesa'. Dan jinkludi korpi de jure u de facto u jista' jkopri kwalunkwe uffiċjal li jeżerċita funzjonijiet governattivi, irrispettivament minn jekk jappartjenix lill-ġudikatura,lil fergħat eżekuttivi jew leġiżlattivi ta' gvern, u li jaħdem fi kwalunkwe livell.
- L-atturi tal-Istat ta' persekuzzjoni jew ta' dannu serju jistgħu jinkludu wkoll: persuni jew entitajiet li jkollhom is-setgħa li jeżerċitaw awtorità governattiva; individwi privati jew gruppi li jaġixxu taħt il-kontroll jew id-direzzjoni ta' korpi jew entitajiet li jkollhom is-setgħa li jeżerċitaw awtorità governattiva; jew aġenti tal-Istat li jaġixxu lil hinn mill-ambitu tal-awtorità legali tagħhom.

**Partijiet jew organizzazzjonijiet li jikkontrollaw l-Istat jew parti sostanzjali mit-territorju tiegħu**

- Meta jikkontrollaw it-territorju tal-Istat jew parti sostanzjali minnu, partijiet jew organizzazzjonijiet jistgħu jitqiesu atturi tal-Istat de facto billi dawn jeżerċitaw elementi ta' awtorità governattiva fin-nuqqas ta' awtorità tal-Istat de jure.
- Il-linja diviżorja bejn il-partijiet jew l-organizzazzjonijiet li jikkontrollaw l-Istat jew parti sostanzjali mit-territorju tiegħu u l-atturi mhux Statali mhux dejjem tkun waħda ċara.

**Atturi mhux Statali**

- Dan il-kunċett jinkludi l-atturi kollha mhux Statali bħal klannijiet u tribujiet, gruppi ribelli, kriminali, membri tal-familja, eċċ.

L-atturi ta' persekuzzjoni huma element kruċjali fil-proċess ta' determinazzjoni tal-istatus. Il-persekuzzjoni jew id-dannu serju jridu dejjem jieħdu l-għamla ta' mġiba min-naħa ta' attur speċifiku.

## Protezzjoni fil-pajjiż ta’ oriġini [lura għal-lista ta’ kontroll]

| Il-Konvenzjoni ta’ Ġinevra | Id-Direttiva dwar il-Kwalifika | Il-leġiżlazzjoni nazzjonali |
|---|---|---|
| L-Artikolu 1A(2) | L-Artikolu 7 | *Daħħal id-dispożizzjoni.* |

Il-protezzjoni internazzjonali hija sekondarja għall-protezzjoni disponibbli fil-pajjiż ta’ oriġini. Għal din ir-raġuni, il-valutazzjoni tad-disponibbiltà tal-protezzjoni fil-pajjiż ta’ oriġini tikkostitwixxi pass obbligatorju fl-analiżi tal-bżonn ta’ protezzjoni internazzjonali li għandha ssir jekk l-uffiċjal responsabbli mill-każ qabel ikun stabbilixxa li jeżisti riskju reali ta’ persekuzzjoni jew dannu serju fil-każ tar-ritorn tal-applikant lejn iż-żona ta’ bażi tiegħu fil-pajjiż ta’ oriġini.

L-ewwel nett, l-uffiċjal responsabbli mill-każ għandu jqis jekk il-protezzjoni hijiex ser tkun disponibbli dejjem fiż-żona ta’ bażi fil-pajjiż ta’ oriġini. Jekk it-tali protezzjoni ma tkunx disponibbli għall-applikant, l-eżistenza ta’ żona sikura differenti f’dak il-pajjiż tista’ tiġi eżaminata.

Id-disponibbiltà jew in-nuqqas ta’ disponibbiltà ta’ protezzjoni ma għandhomx jintrabtu ma’ raġunijiet għall-persekuzzjoni. Il-falliment u l-inabbiltà puri li tagħti protezzjoni suffiċjenti juru nuqqas ta’ protezzjoni. Motivi jew raġunijiet diskriminatorji tal-atturi tal-protezzjoni mhumiex prerekwiżit. Madankollu, jenħtieġ li jiġi nnutat li f’każijiet fejn in-nuqqas ta’ protezzjoni huwa intenzjonat, dan jista’ jitqies bħala persekuzzjoni jew dannu serju.

It-tabella ta’ hawn taħt tippreżenta l-elementi obbligatorji li għandhom jiġu kkunsidrati meta tkun qed tiġi vvalutata d-disponibbiltà tal-protezzjoni mill-persekuzzjoni jew id-dannu serju:

**Protezzjoni fil-pajjiż ta’ oriġini:**

| L-atturi tal-protezzjoni | ...għandhom ikunu | ...li jipprovdu protezzjoni li tkun: |
|---|---|---|
| L-Istat | lesti | effettiva |
| Partijiet jew organizzazzjonijiet, inklużi organizzazzjonijiet internazzjonali, li jikkontrollaw l-Istat jew parti sostanzjali mit-territorju tal-Istat | + kapaċi | + mhux temporanja |
| | | + aċċessibbli |

## Atturi ta’ protezzjoni [lura għal-lista ta’ kontroll]

Il-lista tal-atturi tal-prosekuzzjoni hija **eżawrjenti:**

- **L-Istat**

Ġeneralment, l-Istat ikun l-attur primarju tal-protezzjoni. Dan jinkludi kwalunkwe korp li jeżerċita funzjoni leġiżlattiva, eżekuttiva, ġudizzjarja jew kwalunkwe funzjoni oħra u li jaġixxi fi kwalunkwe livell, sew jekk ikun ċentrali, federali, reġjonali, provinċjali jew lokali.

F’ċerti każijiet, entitajiet privati jistgħu wkoll jingħataw setgħat tal-Istat u jkunu responsabbli sabiex jipprovdu protezzjoni taħt il-kontroll tal-Istat. Dan jenħtieġ li jkun skont miżura adottata mill-Istat.

Sabiex jiġi kkunsidrat bħala attur tal-protezzjoni, l-Istat għandu jikkontrolla t-territorju kollu tal-pajjiż ta' oriġini jew, tal-anqas, parti sostanzjali minnu. F'ċerti każijiet, l-Istat bħala attur tal-protezzjoni jista' jkun qed jirċievi għajnuna minn partijiet u organizzazzjonijiet, li jinkludu organizzazzjonijiet internazzjonali, sabiex iwettaq ir-rwol ta' protezzjoni tiegħu; madankollu, dan jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-kontroll tal-Istat fuq it-territorju jew parti sostanzjali minnu.

**Stat: lest**

L-Istat ma jkunx lest joffri protezzjoni b'mod partikolari meta jkun huwa nnifsu l-attur ta' persekuzzjoni jew ta' dannu serju jew jittollera tali atti.

Meta l-Istat jew l-aġenti tal-Istat ikunu l-atturi ta' persekuzzjoni jew ta' dannu serju, issir il-preżunzjoni li l-protezzjoni effettiva ma tkunx disponibbli għall-applikant. Madankollu, din il-preżunzjoni hija konfutabbli u jistgħu jiġu applikati ċerti eċċezzjonijiet (eż. meta t-theddida ssir minn awtorità lokali u l-awtorità ċentrali tkun lesta u kapaċi toffri protezzjoni).

**Stat: kapaċi**

Is-sempliċement rieda tajba li tingħata l-protezzjoni mhix biżżejjed fin-nuqqas tal-kapaċità li tingħata l-protezzjoni.

L-Istat ma jistax joffri protezzjoni jekk ma jkollux is-setgħa jew ir-riżorsi meħtieġa biex jipprovdiha.

F'dan ir-rigward, għandha tingħata attenzjoni partikolari lil sitwazzjonijiet fejn reċentement tkun saret tranżizzjoni għas-setgħa fil-pajjiż ta' oriġini jew jekk ikun għadu għaddej stat ta' emerġenza fil-pajjiż.

Iż-żewġ kundizzjonijiet għandhom jiġu ssodisfati. Il-protezzjoni ma tistax titqies li ser tingħata lill-applikant f'każ fejn l-Istat ikun lest iżda ma jkunx kapaċi jipprovdiha, jew inkella jkun kapaċi jipprovdiha iżda ma jkunx lest li jagħmel dan.

L-inabbiltà/in-nuqqas ta' rieda tal-Istat li jipprovdi protezzjoni jistgħu jkunu partikolari għall-każ individwali tal-applikant jew ta' natura ġenerali, li tapplika għall-applikant ukoll.

- **Partijiet jew organizzazzjonijiet, inklużi organizzazzjonijiet internazzjonali**

Partijiet jew organizzazzjonijiet jistgħu jitqiesu bħala atturi tal-protezzjoni sakemm dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti kumulattivi li ġejjin:

kontroll (parti sostanzjali) tat-territorju tal-Istat + lest jipprovdi protezzjoni + kapaċi jipprovdi protezzjoni

Sabiex partijiet jew organizzazzjonijiet jitqiesu li jikkontrollaw it-territorju ta' Stat jew parti sostanzjali minnu, jenħtieġ li jiġi stabbilit li dawn jeżerċitaw l-funzjonijiet governattivi rilevanti. Dan jenħtieġ li jiġi kkunsidrat flimkien mal-abbiltà proprja tagħhom li jipprovdu protezzjoni li tkun effettiva u mhux temporanja.

Ir-rieda u l-abbiltà tal-partijiet u l-organizzazzjonijiet li jipprovdu protezzjoni għandhom jiġu vvalutati skont l-istess standards applikabbli għall-protezzjoni tal-Istat.

## Kwalità tal-protezzjoni

Il-protezzjoni fil-pajjiż ta' oriġini għandha tissodisfa tliet kundizzjonijiet kumulattivi:




### ► Effettività [lura għal-lista ta' kontroll]

> Il-protezzjoni ġeneralment tiġi provvduta meta l-atturi tal-protezzjoni jieħdu passi raġonevoli sabiex jipprevjenu l-persekuzzjoni jew it-tiġrib ta' dannu serju billi, fost ħwejjeġ oħra, joperaw sistema legali effettiva għall-kxif, il-prosekuzzjoni u l-kastig ta' atti li jikkostitwixxu persekuzzjoni jew dannu serju, u fejn l-applikant ikollu aċċess għal din il-protezzjoni.

Il-valutazzjoni ta' jekk l-attur tal-protezzjoni jiħux "**passi raġonevoli**" hija kwistjoni prattika u tirreferi għall-miżuri li b'mod raġonevoli jistgħu jiġu mistennija sabiex jiġu prevenuti l-persekuzzjoni jew id-dannu serju li minnhom ikun qed jibża' l-applikant. X'jikkwalifika bħala passi raġonevoli jiddependi wkoll fuq is-severità tad-dannu li jkun qed jikkawża biża'. Ċerti livelli ta' trattament ħażin ma jistgħux jiġu esklużi anki jekk jittieħdu passi raġonevoli biex jiġu prevenuti l-persekuzzjoni jew it-tiġrib ta' dannu serju.

L-atti ta' persekuzzjoni jew l-atti li jikkawżaw dannu serju ġeneralment jaqgħu fl-ambitu tal-liġi kriminali minħabba s-severità għolja tagħhom. Is-sempliċi kxif, prosekuzzjoni u kastig ta' atti li jikkostitwixxu persekuzzjoni jew dannu serju, wara li dawn ikunu twettqu, ma jissodisfawx ir-rekwiżit tal-protezzjoni effettiva. L-atturi tal-protezzjoni għandhom jieħdu l-passi raġonevoli sabiex jipprevjenu atti ta' dannu bħal dawn u jimminimizzaw ir-riskju li dawn iseħħu.

Elementi bħal rekords tad-drittijiet tal-bniedem, il-korruzzjoni, biżżejjed riżorsi, il-prattiki tal-infurzar tal-liġi, l-indipendenza tal-ġudikatura, eċċ. jistgħu jitqiesu fil-valutazzjoni ta' jekk tistax tingħata protezzjoni effettiva.

### ► Natura mhux temporanja [lura għal-lista ta' kontroll]

Peress li l-eżami tal-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali jħares 'il quddiem, il-valutazzjoni ta' jekk il-protezzjoni fil-pajjiżi ta' oriġini tkunx ta' natura mhux temporanja jew le, hija essenzjali.

Jenħtieġ li tingħata l-attenzjoni dovuta meta jkun qed jiġi vvalutat dan l-element b'rabta mal-protezzjoni mogħtija minn partijiet jew organizzazzjonijiet, inklużi organizzazzjonijiet internazzjonali, li jikkontrollaw l-Istat jew parti sostanzjali mit-territorju tal-Istat, minħabba li l-kontroll tagħhom normalment ikun ta' natura temporanja.

### ► Aċċessibbiltà [lura għal-lista ta' kontroll]

L-aċċess tal-applikant għall-protezzjoni fil-pajjiż ta' oriġini għandu jkun ivvalutat kemm fid-dawl tal-ostakoli legali kif ukoll ta' dawk prattiċi għall-protezzjoni. Ostakoli bħal dawn jistgħu jkunu relatati mas-sitwazzjoni personali tal-applikant, mad-diskriminazzjoni, mal-ostakoli kulturali, mal-pożizzjoni tal-attur tal-persekuzzjoni jew id-dannu serju, eċċ.

Fejn l-Istat ikun l-attur tal-persekuzzjoni jew id-dannu serju, wieħed jista' jassumi li l-protezzjoni mhijiex aċċessibbli. Dan huwa marbut mar-rekwiżit tar-rieda min-naħa tal-Istat.

Sabiex jirriżulta li l-protezzjoni mhijiex aċċessibbli, jenħtieġ li jiġi sostanzjat li:

- l-applikant ikun fittex il-protezzjoni, bla suċċess, mill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż ta' oriġini; jew
- l-applikant ma jkunx kiseb il-protezzjoni jekk ikun talabha, bħal fil-każ fejn il-protezzjoni ġeneralment ma tkunx disponibbli jew fejn talba tkun konsistenti jew anki perikoluża.

Madankollu, l-eżawrjiment tar-rimedji domestiċi fil-pajjiż ta' oriġini mhuwiex prerekwiżit sabiex jiġi stabbilit in-nuqqas ta' aċċess għall-protezzjoni mill-persekuzzjoni jew id-dannu serju. Għandha tingħata l-kunsiderazzjoni dovuta għaċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, b'mod partikolari f'każ li jkun esperjenza trattament ħażin mill-attur tal-protezzjoni jew f'każ li qabel l-attur tal-protezzjoni jkun naqas milli jipproteġi lill-applikant mill-persekuzzjoni jew id-dannu serju.

## Alternattiva għall-protezzjoni interna [Iura għal-lista ta' kontroll]

| Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra | Id-Direttiva dwar il-Kwalifika | Il-leġiżlazzjoni nazzjonali |
|---|---|---|
| L-Artikolu 1A(2) | L-Artikolu 8 | *Daħħal id-dispożizzjoni.* |

Jekk il-protezzjoni ma tkunx disponibbli fiż-żona ta' bażi fil-pajjiż ta' oriġini, l-eżistenza ta' parti sikura differenti f'dan il-pajjiż għandha tiġi eżaminata.

Konsegwentement, l-uffiċjal responsabbli mill-każ jista' jiddetermina li applikant mhuwiex fi bżonn ta' protezzjoni internazzjonali jekk f'parti mill-pajjiż ta' oriġini hu ma jkollux biża' ġustifikata li jiġi ppersegwitat u ma jkunx f'riskju reali li jġarrab dannu serju jew ikollu aċċess għall-protezzjoni mill-persekuzzjoni u d-dannu serju.

L-uffiċjal responsabbli mill-każ għandu l-obbligu li juri li l-protezzjoni interna hija disponibbli fiż-żona partikolari fil-pajjiż ta' oriġini. Iż-żona għandha tiġi identifikata mill-uffiċjal responsabbli mill-każ.

Sabiex tiddetermina jekk il-protezzjoni interna tkunx disponibbli f'**parti partikolari** tal-pajjiż ta' oriġini tal-applikant, iridu jiġu ssodisfati tliet kriterji kumulattivi:

- Din il-parti tal-pajjiż tkun **sigura** għall-applikant.
- L-applikant ikollu aċċess għal din il-parti tal-pajjiż.
- L-applikant jista' **raġonevolment ikun mistenni li jistabbilixxi ruħu** hemmhekk.

Ma jeżistix rekwiżit li qabel ifittex il-protezzjoni internazzjonali l-applikant ikun eżawrixxa l-possibbiltajiet sabiex jikseb il-protezzjoni f'parti differenti tal-pajjiż ta' oriġini. Il-valutazzjoni tiffoka fuq jekk alternattiva bħal din tkunx disponibbli fil-ħin meta tittieħed id-deċiżjoni.

### ► Sikurezza f'parti mill-pajjiż ta' oriġini [Iura għal-lista ta' kontroll]

Żona tkun sikura għall-applikant jekk hu ma jkollux biża' ġustifikata mill-persekuzzjoni jew id-dannu serju jew minħabba li f'dik il-parti tal-pajjiż ikollu aċċess għall-protezzjoni mill-persekuzzjoni jew id-dannu serju.

| | |
|---|---|
| ***Nuqqas ta' persekuzzjoni jew dannu serju*** | • in-nuqqas ta' persekuzzjoni jew dannu serju inizjali li oriġina fiż-żona ta' bażi: il-firxa tal-impatt tal-attur tal-persekuzzjoni jew dannu serju għandha tiġi eżaminata f'dan ir-rigward;<br>**u**<br>• l-ebda forom potenzjali ġodda ta' persekuzzjoni jew dannu serju.<br><br>Jekk l-Istat ikun l-attur tal-persekuzzjoni jew id-dannu serju, normalment ma jkunx hemm żona sikura fil-pajjiż ta' oriġini, minħabba li ġeneralment l-Istat ikollu l-kompetenza fit-territorju kollu tiegħu. |
| ***jew*** | |
| ***Disponibbiltà tal-protezzjoni mill-persekuzzjoni jew id-dannu serju*** | Il-protezzjoni fiż-żona kkunsidrata trid tissodisfa l-istess elementi obbligatorji bħal dawk meħtieġa għall-protezzjoni mill-persekuzzjoni jew id-dannu serju fiż-żona ta' bażi fil-pajjiż ta' oriġini (ara s-sottotaqsima "Kwalità tal-Protezzjoni").<br><br>Jekk l-Istat ikun l-attur tal-persekuzzjoni jew id-dannu serju, wieħed jista' jassumi li protezzjoni effettiva mhijiex disponibbli għall-applikant, minħabba li ġeneralment l-Istat ikollu kompetenza fit-territorju kollu tiegħu.<br><br>Jekk il-persekuzzjoni jew id-dannu serju kkawżati minn atturi mhux statali jiġu skużati jew ittollerati mill-Istat, l-influwenza tal-atturi mhux statali fiż-żona kkunsidrata għal alternattiva għall-protezzjoni interna għandha tiġi eżaminata. |

## ► Aċċess għal parti mill-pajjiż ta' oriġini [lura għal-lista ta' kontroll]

Sabiex jiġi meqjus li alternattiva interna għall-protezzjoni hija disponibbli fil-pajjiż ta' oriġini tal-applikant, mhuwiex biżżejjed li l-uffiċjal responsabbli mill-każ jidentifika parti sikura fil-pajjiż. L-applikant jeħtieġlu jkun jista' wkoll jivvjaġġja b'mod sikur u legali lejn dik il-parti tal-pajjiż u jitħalla jidħol fiha.




- **Vjaġġjar sikur —** ikun hemm rotta sikura, li l-applikant prattikament jista' jivvjaġġja minnha mingħajr diffikultà bla bżonn, sabiex ikun jista' jaċċessa ż-żona sikura fil-pajjiż ta' oriġini mingħajr riskji serji;
- **Vjaġġar legali —** ma jkunx hemm ostakoli legali li jipprevjenu lill-applikant milli jivvjaġġja lejn iż-żona sikura;
- B'mod partikolari, jekk l-applikant ikollu bżonn jgħaddi minn pajjiż terz sabiex jaċċessa ż-żona sikura, huwa jeħtieġlu jkun jista' jagħmel dan b'mod legali.
- **Jikseb dħul għal —** l-applikant jitħalla jaċċessa ż-żona sikura mill-attur(i) li jikkontrollawha.

## ► Ir-raġonevolezza għall-applikant biex jistabbilixxi ruħu f'parti mill-pajjiż ta' oriġini [lura għal-lista ta' kontroll]

It-test tar-raġonevolezza jiddependi fuq **approċċ ibbażat fuq id-drittijiet**. Jenħtieġ li b'mod partikolari jiġu ggarantiti l-bżonnijiet bażiċi, inklużi, fost l-oħrajn, il-kenn u l-iġjene. Barra minn hekk, għandha tingħata l-kunsiderazzjoni dovuta għall-opportunità li l-persuna tiżgura l-għajxien tal-familja tagħha, kura tas-saħħa bażika u edukazzjoni għat-tfal.

Il-valutazzjoni jekk huwiex raġonevoli għall-applikant li jistabbilixxi ruħu f'dik il-parti tal-pajjiż jenħtieġ li tqis iċ-ċirkostanzi individwali tal-applikant, bħall-età, il-ġeneru, il-kundizzjoni tas-saħħa, l-isfond soċjali u edukazzjonali, ir-rabtiet familjari u soċjali, il-lingwa, l-identità tal-ġeneru u l-orjentazzjoni sesswali, eċċ.

| **Gwida nazzjonali:** |
|---|
| *Inkludi l-gwida jew il-prattika nazzjonali rigward il-protezzjoni interna.* |

## Nuqqas ta' rieda sabiex tintuża l-protezzjoni tal-pajjiż ta' oriġini

F'każ li fil-pajjiż ta' oriġini tkun disponibbli protezzjoni, jista' jkun hemm każijiet fejn l-applikant juri nuqqas ta' rieda li juża t-tali protezzjoni abbażi ta' raġunijiet ġustifikati.

In-nuqqas ta' rieda tal-applikant li juża l-protezzjoni tal-pajjiż ta' oriġini (inkluża l-protezzjoni disponibbli f'parti sikura oħra fil-pajjiż ta' oriġini) għandu jkun marbut mal-biża' tiegħu mill-persekuzzjoni jew ir-riskju ta' dannu serju.

L-esperjenza ta' avvenimenti trawmatiċi u l-konsegwenzi dejjiema tagħhom jistgħu jikkostitwixxu raġunijiet b'saħħithom għan-nuqqas ta' rieda min-naħa tal-applikant li juża l-protezzjoni tal-pajjiż ta' oriġini.

# DIJAGRAMMI

► *Gwida viživa pass pass għall-uffiċjal responsabbli mill-każ fl-eżami tal-applikazzjoni individwali għal protezzjoni internazzjonali*

# 1 Kunsiderazzjonijiet preliminari: Il-kamp ta' applikazzjoni personali u territorjali




2a
Persekuzzjoni
It-trattament li qed jibża' minnu l-applikant huwa vjolazzjoni severa biżżejjed tad-drittijiet tal-bniedem, li tieħu l-forma msemmija *inter alia* fl-Artikolu 9(2) QD?
iva
le
It-trattament huwa ksur ta' dritt tal-bniedem nonderogabbli jew ksur gravi biżżejjed ta' dritt tal-bniedem bażiku ieħor?
iva
le
It-trattament jista' jitqies bħala akkumulazzjoni ta' diversi miżuri, li l-konsegwenzi tagħha tista' taffettwa lill-applikant b'mod simili?
iva
le
It-trattament jikkwalifika bħala persekuzzjoni - *kompli għal pass 2b*
Il-kura ma tikkwalifikax bħala persekuzzjoni - *kompli għal pass 3*

# 2b Biża’ ġustifikata



# 2c Raġunijiet għall-persekuzzjoni



# 3 Protezzjoni sussidjarja

Hemm livell raġonevoli ta’ probabbiltà li l-applikant jiffaċċja xi wieħed minn dawn it-tipi ta’ dannu serju?



## 4 Protezzjoni fil-pajjiż ta' oriġini



# 5 Alternattiva għall-protezzjoni interna



# REFERENZI

- *Referenzi għal-leġiżlazzjoni, il-każistika rilevanti u riżorsi addizzjonali*
- *Uża l-ispazju fejn tista' tikteb sabiex iżżid il-leġiżlazzjoni u l-ġurisprudenza nazzjonali*

## Links utli

- ✓ **APD** — Id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali
- ✓ **QtĠ-UE** — Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
- ✓ **KEDB** — Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem
- ✓ **QEDB** — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem
- ✓ **KĠ —** Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 u l-Protokoll tal-1967 li jirrelata mal-istatus tar-refuġjati
- ✓ **QIĠ** — Il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja
- ✓ **QD** — Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija

## Riżorsi oħrajn

Il-Manwal tal-UNHCR u l-Linji Gwida dwar il-Proċeduri u l-Kriterji sabiex jiġi ddeterminat l-Istatus ta' Refuġjat skont il-Konvenzjoni tal-1951 u l-Protokoll tal-1967 dwar l-Istatus tar-Refuġjat, gwida oħra, dokumenti ta' politika u l-konklużjonijiet tal-ExCom u tal-Kumitat Permanenti tal-UNHCR jistgħu jinstabu **hawnhekk**.

## Referenzi legali u l-każistika rilevanti

*Din il-ħarsa ġenerali lejn ir-referenzi legali u l-ġurisprudenza mhijiex maħsuba sabiex tkun għodda ta' referenza eżawrjenti. Din għandha l-għan biss li tipprovdi direzzjoni prattika lill-uffiċjal tal-każijiet billi tirreferi għal uħud mid-dispożizzjonijiet u l-ġurisprudenza l-aktar rilevanti.*

*Ir-referenzi ta' hawn taħt huma organizzati skont is-suġġetti. Fejn ikun possibbli, il-każistika u l-istrumenti legali addizzjonali għandhom iperlink għal referenza aktar faċli.*

### Prinċipji ġenerali

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| **L-Artikolu 1A(2) GC**<br><br>**L-Artikolu 2(d), (f) tal-QD**<br><br>**L-Artikolu 4(3) tal-QD** | ✓ **QtĠ-UE,** *H.N. vs Minister for Justice, Equality and Law Reform, Ireland, Attorney General,* kawża C-604/12, sentenza tat-8 ta' Mejju 2014, UE:C:2014:302, punt 35. ***(l-importanza tal-istatus ta' refuġjat)***<br>✓ **QtĠ-UE,** *MM vs Minister for Justice, Equality and Law Reform, Ireland, Attorney General,* , kawża C-277/11, sentenza tat-22 ta' Novembru 2012, UE:C:2012:744, punt 64. ***(l-istadji fil-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet)*** |
| **Il-leġiżlazzjoni nazzjonali** | **Ġurisprudenza nazzjonali** |
| *Sabiex tiddaħħal* | *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet nazzjonali.* |

## Il-kamp ta’ applikazzjoni personali u territorjali

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| **Il-Protokoll tal-1967 tal-Konvenzjoni ta’ Ġinevra relatata mal-Istatus tar-Refuġjati**<br><br>**L-Artikolu 2(d), (f) tal-QD**<br><br>**Il-Konvenzjoni relatata mal-Istatus ta’ Persuni Apolidi, 360 UNTS 117, tat-28 ta’ Settembru 1954**<br><br>**Il-Protokoll (Nru 24) dwar l-asil għal ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea** | ✓ **QIĠ**, *Nottebohm Case (Liechtenstein vs Guatemala),* sentenza tas-6 ta’ April 1955, it-Tieni Fażi, ir-Rapporti tal-QIĠ tal-1955, paġni 23-24. ***(attribuzzjoni tan-nazzjonalità)***<br><br>✓ **QtĠ-UE**, *X and X vs État belge*, kawża C-638/16 PPU, sentenza tas-7 ta’ Marzu 2017, ECLI:UE:C:2017:173, punti 49 u 51. ***(il-kamp ta’ applikazzjoni territorjali tal-QD)*** |
| **Il-leġiżlazzjoni nazzjonali** | **Ġurisprudenza nazzjonali** |
| *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet nazzjonali.* | *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet nazzjonali.* |

## L-istatus ta’ refuġjat: biża’ ġustifikata mill-persekuzzjoni

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| **L-Artikolu 1A(2) GC**<br><br>**L-Artikolu 9 tal-QD**<br><br>**L-Artikolu 4(4) tal-QD**<br><br>**Id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, ir-Riżoluzzjoni 217 (IIII), l-10 ta’ Diċembru 1948**<br><br>**Il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (“ICCPR”), 999 UNTS 171, tas-16 ta’ Diċembru 1966**<br><br>**Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta’ Diskriminazzjoni Razzjali, 660 UNTS 195, tas-7 ta’ Marzu 1966**<br><br>**Il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta’ Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, 1249 UNTS 13, tat-18 ta’ Diċembru 1979**<br><br>**Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, 1577 UNTS 3, tal-20 ta’ Novembru 1989** | ✓ **QtĠ-UE**, *Andre Lawrence Shepherd vs Bundesrepublik Deutschland*, kawża C-472/13, sentenza tas-26 ta’ Frar 2015, ECLI:UE:C:2015:117, punti 25-26 ***(valutazzjoni individwali tal-persekuzzjoni)***; punti 46, 49 u 52-56. ***(abbandun militari)***<br><br>✓ **QtĠ-UE**, *Bundesrepublik Deutschland vs Y u Z,* kawżi magħquda C-71/11 u C-99/11, sentenza tal-5 ta’ Settembru 2012, Awla Manja, ECLI:UE:C:2012:518, punt 57, punti 60-67 ***(is-severità tal-interferenza mad-dritt għal-libertà tar-reliġjon),*** punt 72 ***(serja biżżejjed sabiex tikkwalifika bħala persekuzzjoni)***, punti 78-80. ***(biża’ ġustifikata)***<br><br>✓ **QtĠ-UE**, Minister voor Immigratie en Asiel vs X u Y u Z vs Minister voor Immigratie en Asiel, kawżi magħquda C-199/12 sa C-201/12 sentenza tas-7 ta’ Novembru 2013, ECLI:UE:C:2013:720, punti 53-61; ***(serja biżżejjed sabiex tikkwalifika bħala persekuzzjoni, kriminalizzazzjoni ta’ atti omosesswali)***; punti 63-64 ***(persekuzzjoni passata)*** punti 73-76. ***(biża’ ġustifikata)*** |

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| **Il-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar l-involviment tat-tfal f'konflitti armati**, tal-25 ta' Mejju 2000<br><br>**Il-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar il-bejgħ tat-tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal u l-pornografija tat-tfal, tal-25 ta' Mejju 2000**<br><br>**Il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, 2515 UNTS 3, tat-13 ta' Diċembru 2006**<br><br>**Il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali tal-1966 ("ICESCR"), 993 UNTS 3, tas-16 ta' Diċembru 1966**<br><br>**Il-Karta Soċjali Ewropea tal-1961, ETS Nru 35, tat-18 ta' Ottubru 1961 u l-Karta Soċjali Ewropea Riveduta, ETS Nru 163, tat-3 ta' Mejju 1996** | |
| **Il-leġiżlazzjoni nazzjonali** | **Ġurisprudenza nazzjonali** |
| *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet nazzjonali.* | *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet nazzjonali.* |

## Raġunijiet għal persekuzzjoni: razza

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| **L-Artikolu 1A(2) GC**<br><br>**L-Artikolu 10(1)(a) tal-QD**<br><br>**Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali, 660 UNTS 195, tas-7 ta' Marzu 1966** | ✓ **QEDB**, *Khamrakulov vs Russia*, Applikazzjoni nru 68894/13, tas-16 ta' April 2015, punti 66 u 67. ***(persekuzzjoni abbażi ta' oriġini etnika)***<br>✓ **QEDB**, *A.A. c. France, Applikazzjoni nru 18039/11, 15 ta' April 2015*, punt 58. ***(persekuzzjoni abbażi ta' oriġini etnika)***<br>✓ **QEDB**, *A.F. c. France*, Applikazzjoni nru 80086/13, sentenza tal-15 ta' April 2015, punti 50–52. ***(persekuzzjoni abbażi ta' oriġini etnika)***<br>✓ **QEDB**, *S.H. vs ir-Renju Unit*, Applikazzjoni nru 19956/06, sentenza tal-15 ta' Ġunju 2010, punt 70. ***(diskriminazzjoni razzjali)***<br>✓ **QEDB**, *Salah Sheekh v. in-Netherlands*, Applikazzjoni nru 1948/04, sentenza tal-11 ta' Jannar 2007, punt 148. ***(minoranza etnika)***<br>✓ **QEDB**, *Ċipru vs it-Turkija*, Applikazzjoni nru 25781/94, sentenza tal-10 ta' Mejju 2001, punt 306. ***(diskriminazzjoni razzjali)*** |
| **Il-leġiżlazzjoni nazzjonali** | **Ġurisprudenza nazzjonali** |
| *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet* | *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet nazzjonali.* |

## Raġunijiet għal persekuzzjoni: reliġjon

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| **L-Artikolu 1A(2) GC**<br><br>**L-Artikolu 10(b)** | ✓ **QtĠ-UE**, *Bundesrepublik Deutschland vs Y u Z,* kawżi magħquda C-71/11 u C-99/11, sentenza tal-5 ta' Settembru 2012, Awla Manja, Y u Z, ECLI:UE:C:2012:518, punt 80. ***(l-applikant ma jistax jiġi mistenni li jastjeni mill-prattiki reliġjużi)***<br>✓ **QEDB**, *F.G. vs L-Iżvezja*, Applikazzjoni nru 43611/11, sentenza tat-23 ta' Marzu 2016, punti 123-124. ***(konverżjoni reliġjuża)***<br>✓ **QEDB**, *M.K.N. vs l-Iżvezja*, Applikazzjoni nru 72413/10, sentenza tas-27 ta' Ġunju 2013, punti 32–44. ***(affiljazzjoni reliġjuża)*** |
| **Il-leġiżlazzjoni nazzjonali** | **Ġurisprudenza nazzjonali** |
| *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet* | *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet nazzjonali.* |

## Raġunijiet għal persekuzzjoni: nazzjonalià

| Referenzi legali | |
|---|---|
| **L-Artikolu 1A(2) GC**<br><br>**L-Artikolu 10(c) tal-QD** | |
| **Il-leġiżlazzjoni nazzjonali** | **Ġurisprudenza nazzjonali** |
| *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet* | *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet nazzjonali.* |

## Raġunijiet għal persekuzzjoni: sħubija fi grupp soċjali partikolari

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| **L-Artikolu 1A(2) GC**<br><br>**L-Artikolu 10(d), (f) tal-QD**<br><br>**Il-premessa 30 tal-QD** | ✓ **QtĠ-UE**, *Minister voor Immigratie en Asiel vs X u Y u Z vs Minister voor Immigratie en Asiel*, kawżi magħquda C-199/12 sa C-201/12 sentenza tas-7 ta' Novembru 2013, ECLI:UE:C:2013:720, punti 45-49 ***(definizzjoni ta' grupp soċjali partikolari)***; punti 53-61; ***(kriminalizzazzjoni ta' atti omosesswali)***; punti 70-76 ***(l-applikant ma jistax jiġi mistenni jaħbi l-omosesswalità jew jeżerċita riżervi fl-espressjoni tal-orjentazzjoni sesswali tiegħu)***. |
| **Il-leġiżlazzjoni nazzjonali** | **Ġurisprudenza nazzjonali** |
| *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet* | *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet nazzjonali.* |

## Raġunijiet għal persekuzzjoni: opinjoni pubblika

| **Referenzi legali** | |
|---|---|
| **L-Artikolu 1A(2) GC**<br><br>**L-Artikolu 10(d), (f) tal-QD** | |
| **Il-leġiżlazzjoni nazzjonali** | **Ġurisprudenza nazzjonali** |
| *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet* | *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet nazzjonali.* |

## Rabta (għal raġunijiet ta’)

| **Referenzi legali** | |
|---|---|
| **L-Artikolu 1A(2) GC**<br><br>**L-Artikolu 9(3) tal-QD** | |
| **Il-leġiżlazzjoni nazzjonali** | **Ġurisprudenza nazzjonali** |
| *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet* | *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet nazzjonali.* |

## Protezzjoni sussidjarja: riskju reali ta’ dannu serju

| **Referenzi legali** | **Ġurisprudenza** |
|---|---|
| **L-Artikolu 2(d), (f) tal-QD** | ✓ **QtĠ-UE**, *Meki Elgafaji u Noor Elgafaji vs Staatssecretaris van Justitie*, Kawża C-465/07, sentenza tas-17 ta’ Frar 2009, ECLI: EU:C:2009:94, punti 40. ***(dannu serju passat)***<br>✓ **QEDB**, *F.G. vs L-Iżvezja*, Applikazzjoni nru 43611/11, sentenza tat-23 ta’ Marzu 2016, punti 115 ***(valutazzjoni tar-riskju reali)***<br>✓ **QEDB**, *Auad vs il-Bulgarija,* Applikazzjoni nru 46390/10, sentenza tal-11 ta’ Ottubru 2011, punt 99(c). ***(valutazzjoni tar-riskju reali)***<br>✓ **QEDB**, *Saadi vs l-Italja*, Applikazzjoni nru 37201/06, sentenza tat-28 ta’ Frar 2008, punt 130 ***(valutazzjoni tar-riskju reali);*** punt 140. ***(l-istandard tal-prova)***<br>✓ **QEDB**, *Vilvarajah u Others vs ir-Renju Unit*, 45/1990/236/302-306, sentenza tas-26 ta’ Settembru 1991, punt 111. ***(l-istandard tal-prova)*** |
| **Il-leġiżlazzjoni nazzjonali** | **Ġurisprudenza nazzjonali** |
| *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet* | *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet nazzjonali.* |

## Protezzjoni sussidjarja: piena kapitali jew eżekuzzjoni

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| **L-Artikolu 15(a) tal-QD**<br><br>**L-Artikolu 2 tal-KEDB**<br><br>**Il-Protokoll Nru 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali rigward l-Abolizzjoni tal-Piena Kapitali**<br><br>**Il-Protokoll Nru 13 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamental rigward l-abolizzjoni tal-piena kapitali fiċ-ċirkostanzi kollha** | ✓ **QEDB**, *Al-Saadoon and Mufdhi vs ir-Renju Unit*, Applikazzjoni nru 61498/08, sentenza tat-2 ta' Marzu 2010, punt 115. ***(piena kapitali — ħabs għal dawk ikkundannati għall-mewt)***<br>✓ **QEDB**, *Ilascu u Oħrajn vs il-Moldova u r-Russja*, Applikazzjoni nru 48787/99, sentenza tat-8 ta' Lulju 2004, punti 429–433 ***(piena kapitali — ħabs għal dawk ikkundannati għall-mewt)***<br>✓ **QEDB**, *Soering vs ir-Renju Unit*, 1/1989/161/217, 7 ta' Lulju 1989, punt 111 ***(ħabs għal dawk ikkundannati għall-mewt)*** |
| **Il-leġiżlazzjoni nazzjonali** | **Ġurisprudenza nazzjonali** |
| *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet nazzjonali.* | *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet nazzjonali.* |

## Protezzjoni sussidjarja: tortura jew trattament jew kastig inuman jew degradanti

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| **L-Artikolu 15(b)**<br><br>**L-Artikolu 3 tal-KEDB**<br><br>**Il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Kastig Krudili, Inuman jew Degradanti Ieħor, 1465, U.N.T. 85, l-10 ta' Diċembru 1984** | ✓ **QtĠ-UE**, *Mohamed M'Bodj vs État belge*, kawża C-542/13, sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014, Awla Manja, punti 40-41 u 50. ***(Nuqqas ta' disponibbiltà ta' kura tas-saħħa xierqa)***<br>✓ **QtĠ-UE**, *Meki Elgafaji u Noor Elgafaji vs Staatssecretaris van Justitie*, Kawża C-465/07, sentenza tas-17 ta' Frar 2009, ECLI: EU:C:2009:94, punti 28. ***(ir-rilevanza tal-ġurisprudenza tal-KEDB fl-interpretazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 15(b) tal-QD)***<br>✓ **QEDB**, *Paposhvili vs il-Belġju*, Applikazzjoni nru 41738/10, sentenza tat-13 ta' Diċembru 2016, punti 181-193. ***(Nuqqas ta' disponibbiltà ta' kura tas-saħħa xierqa)***<br>✓ **QEDB,** *Trabelsi vs il-Belġju,* Applikazzjoni nru 140/10, 4 ta' Settembru 2014, punti 113-115. ***(priġunerija għall-għomor)***<br>✓ **QEDB**, *M.S.S. vs il-Belġju u l-Greċja*, Applikazzjoni nru 30696/09, sentenza tal-21 ta' Jannar 2011, Awla Manja, punt 220. ***(Definizzjoni ta' "inuman" u "degradanti")***<br>✓ **QEDB**, *Gäfgen vs il-Ġermanja*, Applilkazzjoni nru 22978/05, sentenza tal-1 ta' Ġunju 2010, Awla Manja, punt 108. ***(il-livell limitu tas-severità sabiex tikkwalifika bħala tortura)***<br>✓ **QEDB**, *Kalashnikov vs ir-Russja*, Applikazzjoni nru 47095/99, sentenza tal-15 ta' Lulju 2002, punt *95*. ***(trattament degradanti)***.<br>✓ **QEDB**, *Selmouni vs Franza*, Applikazzjoni nru 25803/94, sentenza tat-28 ta' Lulju 1999, punti 99-101. ***(definizzjoni ta' tortura)***<br>✓ **QEDB**, *Tyrer vs ir-Renju Unit*, applikazzjoni nru 5856/72, sentenza tal-15 ta' Marzu 1978, punt 30. ***(Trattament degradanti)***<br>✓ **QEDB**, *L-Irlanda vs ir-Renju Unit*, applikazzjoni nru 5310/71, sentenza tat-18 ta' Jannar 1978, punt 167. ***(id-distinzjoni bejn tortura u kastig jew trattament inuman jew degradanti)*** |
| **Il-leġiżlazzjoni nazzjonali** | **Ġurisprudenza nazzjonali** |
| *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet nazzjonali.* | *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet nazzjonali.* |

## Protezzjoni sussidjarja: theddida serja u individwali għall-ħajja jew għall-persuna ċivili minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| L-Artikolu 15(c) tal-QD | ✓ **QtĠ-UE**, *Aboubacar Diakité v Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides*, Kawża C-285/12, sentenza tat-30 ta' Jannar 2014, punt 35. ***(Konflitt armat)***<br>✓ **QtĠ-UE**, *Meki Elgafaji u Noor Elgafaji vs Staatssecretaris van Justitie*, Kawża C-465/07, sentenza tas-17 ta' Frar 2009, ECLI: EU:C:2009:94, punti 32-33 ***(theddida serja u individwali)***; punti 34-35 ***(vjolenza indiskriminata)***; punt 39 ***(test tal-"iskala varjabbli")***. |
| | ✓ **QEDB**, *K.A.B. vs l-Iżvezja*, Applikazzjoni nru 886/11, sentenza tal-5 ta' Settembru 2013, punti 75-77. ***(Vjolenza indiskriminata)***<br>✓ **QEDB**, *Sufi u Elmi vs ir-Renju Unit*, Applikazzjonijiet nri 8319/07 u 11449/07, sentenza tat-28 ta' Novembru 2011, punt 241. ***(Vjolenza indiskriminata)*** |
| **Il-leġiżlazzjoni nazzjonali** | **Ġurisprudenza nazzjonali** |
| *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet nazzjonali* | *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet nazzjonali.* |

## Bżonnijiet ta' protezzjoni internazzjonali li jinħolqu sur place

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| L-Artikolu 5 tal-QD | ✓ **QEDB**, *F.G. vs l-Iżvezja*, Applikazzjoni nru 43611/11, sentenza tat-23 ta' Marzu 2016, punti 123-124 u 144-158. ***(attivitajiet fil-pajjiż tal-asil — valutazzjoni tar-riskju)***<br>✓ **QEDB**, *H.S. U oħrajn vs Ċipru*, Applikazzjoni nru 41753/10 u 13-il applikazzjoni oħra, sentenza tal-21 ta' Lulju 2015, punt 277. ***(identifikazzjoni mill-awtoritajiet)***<br>✓ **QEDB**, *A.A. vs l-Iżvizzera, Applikazzjoni nru 58802/12, sentenza tas-7 ta' Jannar 2014*, punti 38–43. ***(livell tal-attivitajiet u l-identifikazzjoni mill-awtoritajiet)***<br>✓ **QEDB**, *S.F. vs l-Iżvezja*, Applikazzjoni nru 52077/10, sentenza tal-15 ta' Mejju 2012, punti 68-71. ***(Livell tal-attivitajiet politiċi)*** |
| **Il-leġiżlazzjoni nazzjonali** | **Ġurisprudenza nazzjonali** |
| *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet nazzjonali* | *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet nazzjonali.* |

## Atturi ta' persekuzzjoni jew dannu serju

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| L-Artikolu 6 tal-QD | ✓ **QtĠ-UE**, *Mohamed M'Bodj vs État belge*, kawża C-542/13, sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014, Awla Manja, punt 35. ***(attur tal-persekuzzjoni bħala kundizzjoni neċessarja)***.<br>✓ **QEDB**, *Tatar vs l-Iżvizzera,* Applikazzjoni nru 65692/12, il-Kunsill tal-Ewropa: Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, tal-14 ta' April 2015, punt 41. ***(atturi mhux statali)***<br>✓ **QEDB**, Sufi u Elmi vs ir-Renju Unit, Applikazzjoni nri 8319/07 u 11449/07, Sentenza tat-28 ta' Novembru 2011, punti 281-282. ***(attur tal-persekuzzjoni bħala kundizzjoni neċessarja)*** |
| **Il-leġiżlazzjoni nazzjonali** | **Ġurisprudenza nazzjonali** |
| *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet nazzjonali* | *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet nazzjonali.* |

## L-atturi tal-protezzjoni u l-kwalità tal-protezzjoni

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| **L-Artikolu 1A(2) GC**<br><br>**L-Artikolu 7 tal-QD** | ✓ **QtĠ-UE**, *Aydin Salahadin Abdulla u Oħrajn vs Bundesrepublik Deutschland*, kawżi magħquda C-175/08, C-176/08, C-178/08 u C-179/08, sentenza tat-2 ta' Marzu 2010, punti 67-76. ***(effettività , durabbiltà u aċċessibbiltà tal-protezzjoni, atturi tal-protezzjoni)***<br>✓ **QEDB**, *K.A.B. vs l-Iżvezja*, Applikazzjoni nru 886/11, sentenza tal-5 ta' Settembru 2013, punti 69, 87. ***(atturi ta' protezzjoni)***<br>✓ **QEDB**, *Salah Sheekh vs in-Netherlands*, Applikazzjoni nru 1948/04, sentenza tal-11 ta' Jannar 2007, punti 147-148. ***(aċċessibbiltà tal-protezzjoni)***<br>✓ **QEDB**, *N. vs il-Finlandja*, Applikazzjoni nru 38885/02, sentenza tas-26 ta' Lulju 2005, punti 163-164. ***(atturi ta' protezzjoni)***<br>✓ **QEDB**, *Osman vs ir-Renju Unit*, Applikazzjoni nru 23452/94, sentenza tat-28 ta' Ottubru 1998, punti 115-116. ***(effettività tal-protezzjoni)*** |
| **Il-leġiżlazzjoni nazzjonali** | **Ġurisprudenza nazzjonali** |
| *Sabiex tiddaħħal* | *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet nazzjonali.* |

## Alternattiva għall-protezzjoni interna

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| **L-Artikolu 8 tal-QD** | ✓ **QEDB**, *A.A.M. vs l-Iżvezja*, Applikazzjoni nru 68519/10, sentenza tat-3 ta' April 2014, punti 66-75. ***(sikurezza f'parti mill-pajjiż ta' oriġini)***<br>✓ **QEDB**, *K.A.B. vs l-Iżvezja*, Applikazzjoni nru 886/11, sentenza tal-5 ta' Settembru 2013, punti 80-85. ***(aċċessibbiltà għal parti mill-pajjiż ta' oriġini, raġonevolezza li tistabbilixxi ruħek hawnhekk)***<br>✓ **QEDB**, *D.N.M. vs l-Iżvezja*, Applikazzjoni nru 28379/11, sentenza tas-27 ta' Ġunju 2013, punt 57-59. ***(sikurezza f'parti mill-pajjiż ta' oriġini, raġonevolezza li tistabbilixxi ruħek hawnhekk)***<br>✓ **QEDB**, *S.A. vs l-Iżvezja*, Applikazzjoni nru 66523/10, sentenza tas-27 ta' Ġunju 2013, punt 56-58 ***(sikurezza f'parti mill-pajjiż ta' oriġini)***<br>✓ **QEDB**, *M.Y.H. and others vs l-Iżvezja*, Applikazzjoni nru 50859/10, sentenza tas-27 ta' Ġunju 2013, punti 68-73. ***(raġonevoli li tistabbilixxi ruħek hawnhekk)***<br>✓ **QEDB**, *Sufi u Elmi vs ir-Renju Unit*, Applikazzjonijiet nri 8319/07 u 11449/07, sentenza tat-28 ta' Novembru 2011, punti 249, 265-296. ***(aċċessibbiltà għal parti mill-pajjiż ta' oriġini, raġonevolezza li tistabbilixxi ruħek hawnhekk)***<br>✓ **QEDB**, *Salah Sheekh v. in-Netherlands*, Applikazzjoni nru 1948/04, sentenza tal-11 ta' Jannar 2007, punt 140-148 ***(protezzjoni ta' klann, ċirkostanzi individwali)***<br>✓ **QEDB**, *M.K.N. vs l-Iżvezja*, Applikazzjoni nru 72413/10, sentenza tas-27 ta' Ġunju 2013, punti 35–44. ***(affiljazzjoni reliġjuża, ċirkostanzi individwali)*** |
| **Il-leġiżlazzjoni nazzjonali** | **Ġurisprudenza nazzjonali** |
| *Sabiex tiddaħħal* | *Sabiex tiddaħħal mill-awtoritajiet nazzjonali.* |

## Kif tikkuntattja lill-UE

### Personalment
Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta’ ċentri ta’ informazzjoni tal-Europe Direct. Tista’ ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik f’dan is-sit: https://europa.eu/european-union/contact_mt

### Bit-telefown jew bil-posta elettronika
Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista’ tikkuntattja dan is-servizz:
— bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
— fuq dan in-numru standard: +32 22999696, jew
— bil-posta elettronika permezz: https://europa.eu/european-union/contact_mt

## Kif issib tagħrif dwar l-UE

### Onlajn
L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_mt

### Pubblikazzjonijiet tal-UE
Tista’ tniżżel mill-internet jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn: https://publications.europa.eu/mt/publications. Kopji multipli ta’ pubblikazzjonijiet bla ħlas tista’ tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_mt).

### Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati
Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 ’l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex hawnhekk: http://eur-lex.europa.eu

### Dejta Miftuħa mill-UE
Il-portal tad-Dejta Miftuħa mill-UE (http://data.europa.eu/euodp/mt) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-dejta mill-UE. Id-dejta tista’ titniżżel mill-internet u tintuża mill-ġdid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea